# SAN FRANĠISK T'ASSISI

## Ħabib ta' Alla, Ħabib ta' Kristu, Ħabib tal-Kurċifiss

**Il-Ħajja tal-Imqaddes Missier Tagħna Franġisku**
**(Vita Brevior)**
**ta' fra Tommaso da Celano**



**Introduzzjoni u Traduzzjoni ta'**
**Noel Muscat ofm**

# SAN FRANĠISK T'ASSISI,
# Ħabib ta' Alla,
# Ħabib ta' Kristu,
# Ħabib tal-Kurċifiss

**Il-Ħajja tal-Imqaddsa Missier Tagħna Franġisku**
**(Vita Brevior)**
**ta' fra Tommaso da Celano**

**Introduzzjoni u Traduzzjoni ta'**
**NOEL MUSCAT OFM**

Patrijiet Franġiskani
Edizzjoni TAU – Malta
2016

© Edizzjoni TAU, Patrijiet Franġiskani, Malta, 2016

Il-jeddijiet kollha miżmuma. Ebda silta minn dan il-ktieb
ma tista' tkun ippubblikata jew maħrupa b'xi mod jew ieħor
fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, jew irrekordjat
mingħajr il-permess bil-miktub tal-awtur u tal-Edizzjoni TAU

ISBN: ???????

Issettjat għall-istampa minn Joseph Magro ofm
Stampat ?????

# TOMMASO DA CELANO, IL-ĦAJJA TAL-MISSIER IMQADDES TAGĦNA FRANĠISKU (Vita Brevior)

## INTRODUZZJONI

Il-*Vita beati patris nostri Francisci*, magħrufa wkoll bħala *Vita brevior*, insabet f'manuskritt li ġie akkwistat mill-Bibliothèque Nationale de France fl-2014, u li jġib is-sigla NAL 3245. Dan il-manuskritt hu x'aktarx wieħed mill-aktar manuskritti antiki konservati li ġejjin mit-tradizzjoni minoritika tal-Franġiskani tas-seklu 13.

Fis-16 ta' Jannar 2015 tħabbar uffiċjalment waqt il-laqgħa tal-*Académie des Inscriptions et Belles-Lettres* li dan il-manuskritt ċkejken kien ixtara għal somma ta' €60 elf mill-Bibliothèque Nationale de France. L-istudjuż Jacques Dalarun kien ilu jaf bl-eżistenza ta' xi ħajja ta' San Franġisk li kienet mitlufa, u kien ilu jfittixha. Wieħed mill-ex-studenti tiegħu, li llum jgħallem fl-Università ta' Vermont, il-professur Sean Field, intebaħ b'dan il-manuskritt li kien għall-bejgħ waqt irkant, u avża lil Dalarun, li ħa ħsieb li l-manuskritt jinxtara mill-Bibljoteka Nazzjonali ta' Franza.

Minn dak iż-żmien Jacques Dalarun għamel studju kritiku ta' ħajja ta' San Franġisk li hemm f'dan il-manuskritt, u ippubblikaha f'edizzjoni kritika: J. Dalarun, *Thomae Celanensis Vita beati patris nostri Francisci (Vita brevior). Présentation et édition critique*, in *Analecta Bollandiana* 133/1 (2015) 23-86. Hi ħajja qasira ta' San Franġisk miktuba minn fra Tommaso da Celano bejn l-1232 u l-1239, u hi sommarju tal-*Vita Sancti Francisci* li Celano kien ippubblika fil-25 ta' Frar 1229, bħala bijografija uffiċjali ta' San Franġisk, fuq ordni tal-Papa Girgor IX.

L-oriġini antika tal-manuskritt NAL 3245 tidher mill-fatt li fih hemm diversi kitbiet ta' San Franġisk, fosthom biċċa mir-*Regola bollata*, l-*Admonitiones*, jew Twissijiet ta' San Franġisk, kummentarju

għall-*Pater noster*, u din il-*Vita brevior* ta' San Franġisk. Dalarun hu konvint li dan il-manuskritt inkiteb bejn l-1232 u l-1239 minn xi elementi paleografiċi fl-istess manuskritt. Skond hu, il-fatt li din il-bijografija ssemmi lil fra Elija b'tifħir kbir, u tgħid espliċitament li kien fra Elija li talab lil fra Tommaso da Celano biex jikteb din il-ħajja, hi sinjal li din inkitbet waqt il-ġeneralat ta' fra Elija, bejn l-1232 u s-sena li fiha Elija ġie depost minn ġeneral, jiġifieri l-1239. Għandna f'idejna, mela, kitba li hi antikissima u li tiġi biss wara l-*Vita Sancti Francisci* ta' Celano, u li hi qrib il-*Vita Sancti Francisci* ta' Julian minn Speyer, li inkitbet madwar is-sena 1235. Il-manuskritt ċertament ġej minn ambjent Taljan, partikularment mill-Umbria.

Il-manuskritt hu ta' dimensjonijiet ċkejknin (120x82 mm) u fih 120 folji ta' peregamena ta' valur medjokri. Instab fi stat ħażin ta' konservazzjoni, u l-kitba tiegħu hi ċkejkna u diffiċli biex wieħed jaqraha. Lilna jinteressana nitkellmu dwar il-*Vita brevior*, li tagħha qed nipprovdu din it-traduzzjoni bil-Malti.

Il-*Vita brevior* (VB) hi ħajja ta' San Franġisk li kienet mitlufa. It-titlu veru tagħha hu *Vita beatis patris nostri Francisci* (Ħajja tal-missier imqaddes tagħna Franġisku). Tibda b'ittra qasira ta' dedika li hi prova li l-VB inkitbet minn Celano, l-aġjografu li kien diġà ikkompona l-*Vita Sancti Francisci* fuq ordni tal-Papa Girgor IX fl-1228-29. L-ittra hi indirizzata lil fra Elija, ministru ġeneral tal-Ordni tal-patrijiet Minuri (1232-1239) u wieħed mill-aktar sħab intimi ta' San Franġisk. Jidher li kien fra Elija nnifsu li talab lil Celano biex jiġbor fil-qosor il-*Vita Sancti Francisci* u joffriha lill-patrijiet għall-użu tagħhom.

Jacques Dalarun kien ilu jsostni li, matul il-ġeneralat ta' fra Elija, Tommaso da Celano kien ikkompona bijografija intermedja bejn il-*Vita prima* tal-1228-29 u l-*Vita secunda* li tissejjaħ proprjament *Memoriale in Desiderio Animae*, komposta fl-1246-47 fuq materjal li xi sħab ta' San Franġisk (fosthom fra Leone, fra Rufino u fra Angelo) kienu bagħatu minn Greccio lill-ministru ġeneral Crescenzio da Iesi, u li magħha mbagħad żdied *Tractatus miraculorum* mill-istess Celano (1250-54). Dalarun kien semma' din il-ħajja bl-isem ta' *Legenda Umbra*. Imma hu kellu biss frammenti f'idu li ma kienux biżżejjed biex jafferma li kien sab din il-ħajja mitlufa.

Kif tippreżenta ruħha issa f'dan il-manuskritti integru, l-VB tkopri ftit aktar minn nofs tal-*Vita Sancti Francisci* ta' Celano (1C), imma hi itwal mill-*Vita Sancti Francisci* ta' Julian minn Speyer u mil-*Legenda minor Sancti Francisci* ta' San Bonaventura (1260-63). Eżami attent ta' testi paralleli wassal lil Dalarun biex jikkonkludi li l-VB hi l-mudell tal-*Legenda ad usum chori* attribwita lil Tommaso da Celano, kif ukoll tal-*Vita Sancti Francisci* ta' Julian minn Speyer, u li nistgħu nqisuha bħala fonti għal *Leggenda dei tre compagni*, u għall-*Memoriale in Desiderio Animae* (2C). Interessanti wkoll il-viċinanza tagħna mal-allegorija *Sacrum Commercium Sancti Francisci cum Domina Paupertate*. Dalarun jinsisti li l-VB hi t-tieni bijografija ta' San Franġisk fl-ordni taż-żmien li fih inkitbet, u li wieħed jista' jqisha bħala l-"ħolqa nieqsa" tal-kwestjoni franġiskana rigward il-formazzjoni storika u testwali tal-Fonti Franġiskani.

Għalina jinteressana ninnutaw xi elementi partikulari tal-VB li jiddistingwuha bħala bijografija importanti. Għalkemm tixbaħ ħafna lil 1C, il-VB għandha elementi oriġinali. Niskantaw, per eżempju, kif ma ssemmix ix-xena ta' Franġisku li jinża ħwejjġu quddiem l-isqof ta' Assisi (VB 14-15). Dan kollu juri li l-VB mhijiex sempliċement sommarju tal-1C, imma li Celano reġa' ħadem mill-ġdid il-materjal li kellu f'idu bi skop speċifiku, l-aktar biex jogħġob lil fra Elija u biex jipprovdi test li l-patrijiet ikunu jistgħu jaqrawh b'faċilità.

Bejn il-konferma tal-*Vita Sancti Francisci* (25 ta' Frar 1229) u r-redazzjoni tal-VB (bejn l-1232 u l-1239) kien għadda ż-żmien. Kien hemm ċerti fatti li fl-1229 kienu għadhom ma seħħewx, bħalma kienet it-translazzjoni tal-ġisem ta' San Franġisk fil-knisja l-ġdida li bena fra Elija fl-1230, il-kanonizzazzjoni ta' Sant'Antin ta' Padova (30 ta' Mejju 1232), il-promozzjoni tal-kardinal Rainaldo bħala kardinal isqof ta' Ostia u protettur tal-Ordni, il-mewt tal-ministru ġeneral Giovanni Parenti. Dawn il-fatti kollha jissemmew fil-VB. X'aktarx li nistgħu ngħidu l-istess ħaġa dwar it-33 mirakli li seħħew wara l-mewt ta' San Franġisk, u li jissemmew fil-VB, u li jikkonfermaw il-fama ta' qdusija tal-missier imqaddes.

Jista' jkun li xi wħud minn sħab San Franġisk kienu irrakkontaw lil Tommaso da Celano fatti li tagħhom kienu xhieda u li ma kienx

semmiehom fil-1C. Ma ninsewx li Celano kellu jikteb il-*Vita Sancti Francisci* kemmxejn bil-għaġġla, għax Girgor IX ried japprovaha malajr kemm jista' jkun wara l-kanonizzazzjoni tal-qaddis. Diversi rakkonti jidhru li huma ġejjin minn tifkiriet friski tal-aħwa sħab ta' Franġisku. Hekk, per eżempju, l-mod kif il-VB titkellem dwar il-faqar ta' Franġisku hu aktar konkret minn dak tal-1C.

Celano nnifsu, bħala aġjografu, ma kienx waqaf li jkompli jirrifletti fuq l-esperjenza tal-wirt ta' Franġisku, issa li kien sar kronista magħruf hekk li San Franġisk nistgħu ngħidu li kien sar tifkira dejjiema fil-ħajja tiegħu. Il-VB tagħtina deskrizzjonijiet interessanti u oriġinali dwar ir-relazzjoni li kellu San Franġisk mal-ħlejjaq u mal-Ħallieq, u speċjalment dwar ir-relazzjoni tiegħu ma' Kristu. Hi l-VB li ssejjaħ lil San Franġisk *Christi amicus* (ħabib ta' Kristu – VB 40), *amicus Dei* (ħabib ta' Alla – VB 72), u *Crucifixi amicus* (ħabib tal-Kurċifiss – VB 74). Dawn it-titli, fil-fatt, jagħtu lill-VB karatteristika għal kollox speċjali li nistgħu naraw fiha l-isem tipiku li wieħed jista' jagħti lil din il-bijografija: "Franġisku ħabib ta' Alla, ħabib ta' Kristu, ħabib tal-Kurċifiss".

Il-VB timmarka l-punt ta' ekwilibrju bejn il-1C, li kif għidna, Celano kellu jiktibha xi ftit bil-ħeffa, u l-bijografiji aktar tardivi li jimmarkaw is-sensibilitajiet li kienu diġà bdew jifirdu lill-Ordni sa minn wara l-ġeneralat ta' fra Elija. Il-valur tagħha jinsab fil-fatt li, minkejja li Franġisku kien ilu mejjet kważi għaxar snin, it-tifkira tiegħu fil-moħħ ta' Celano u tal-aħwa sħabu kienet għadha friska.

L-edizzjoni kritika Latina tal-VB, kif rajna, dehret f'Ġunju 2015 fir-rivista prestiġjuża tal-Bollandisti, *Analecta Bollandiana*. Minn dak iż-żmien dehret traduzzjoni tagħha bil-Franċiż fir-rivista *Etudes Franciscaines*, traduzzjoni bit-Taljan fir-rivista *Frate Francesco*, u traduzzjoni bl-Ingliż fir-rivista *Franciscan Studies.* It-traduzzjoni tagħna ta' din il-ħajja bil-Malti hi kontribut ieħor biex anke l-pubbliku Malti li jħobb lil San Franġisk isir jaf bl-eżistenza ta' ħajja qasira, imma interessanti, li fiha l-figura tal-fqajjar ta' Assisi toħroġ b'mod frisk u b'messaġġ attwali, issa li għandna f'idejna ħajja medjevali li kienet mitlufa, u li reġgħet instabet.

## Ismijiet imqassrin

*Adm* = *Admonitiones. Twissijiet ta' San Franġisk.*
AP = Giovanni da Perugia, *Anonimo Perugino.*
1C = Tommaso da Celano, *Vita Sancti Francisci.*
2C = Tommaso da Celano, *Memoriale in Desiderio Animae.*
CA = *Compilatio Assisiensis.*
L3C = *Leggenda dei tre compagni.*
FSF = *Fonti għall-Ħajja ta' San Franġisk t'Assisi. Il-Kitbiet ta' San Franġisk. Fonti Medjevali tal-Ħajja ta' San Franġisk*, Traduzzjoni ta' N. Muscat, Ġ.B. Xuereb, M. Vella, Introduzzjoni u apparat kritiku, N. Muscat, 2 Volumi, Provinċja Franġiskana tal-Patrijiet Minuri u Edizzjoni TAU, Malta 2005.
LM = S. Bonaventura, *Legenda Maior Sancti Francisci.*
*RegB* = *Regula bullata* (1223).
*RegNB* = *Regula non bullata* (1221).
*Test* = *Testment ta' San Franġisk.*
VB = Tommaso da Celano, *Vita Brevior* (*Vita beati patris nostri Francisci*).

# TOMMASO DA CELANO, IL-ĦAJJA TAL-MISSIER IMQADDES TAGĦNA FRANĠISKU (Vita Brevior)

### Tibda l-ittra dwar il-Ħajja tal-imqaddes Franġisku

Lill-miqjum u reverendu missier fra Elija, ministru ġeneral tal-patrijiet Minuri.[1]

**1** Xi żmien ilu jiena kont ktibt il-Ħajja tal-wisq glorjuż missierna Franġisku f'opra aktar kompluta,[2] fuq ordni tas-sinjur Papa Girgor,[3] imma mgħallem minnek ukoll, missier.[4] Minħabba dawk li, forsi bir-raġun, ikkritikawha minħabba li għandha bosta kliem, issa fuq ordni tiegħek, jiena qiegħed niġborha fil-qosor f'kitba aktar qasira u ħsibt li

[1] Fra Elija kien sar vigarju ta' San Franġisk wara l-mewt tal-ewwel vigarju, fra Pietro Cattani, fl-10 ta' Marzu 1221. Wara l-mewt ta' San Franġisk (3 ta' Ottubru 1226), fil-kapitlu ġenerali tat-30 ta' Mejju 1227, ġie magħżul ministru ġeneral fra Giovanni Parenti, u fra Elija ħa ħsieb il-bini tal-bażilika ta' San Franġisk fuq ordni tal-Papa Girgor IX. Fra Elija ġie elett ministru ġeneral tal-Ordni fil-kapitlu ġenerali tad-29 ta' Mejju 1232, u ġie depost minn ministru ġeneral mill-Papa Girgor IX waqt il-kapitlu ġenerali ta' Ruma tal-15 ta' Mejju 1239. Tommaso da Celano, mela, kiteb il-*Vita Brevior* (VB) bejn l-1232 u l-1239.

[2] Tommaso da Celano kien kiteb il-*Vita Sancti Francisci* (1C) fuq ordni tal-Papa Girgor IX, li approvaha fil-25 ta' Frar 1229. Din kienet l-ewwel bijografija, jew *Legenda* uffiċjali ta' San Franġisk, li kien għadu kif ġie kanonizzat fis-16 ta' Lulju 1228.

[3] Girgor IX, li qabel kien il-Kardinal Ugolino dei Conti di Segni, isqof ta' Ostia u protettur tal-Ordni tal-patrijiet Minuri, sar Papa fid-19 ta' Marzu 1227 u miet fit-22 ta' Awissu 1241.

[4] Dan hu rikonoxximent espliċitu tar-rwol ta' fra Elija fil-kompożizzjoni tal-VB. L-awtur juża l-verb Latin *edocente*, li jindika li Elija nnifsu mexxieh fil-kitba ta' din il-bijografija.

nikteb f'diskors ta' ftit kliem almenu l-ħwejjeġ essenzjali u wħud minn dawk meħtieġa, filwaqt li ħallejt barra bosta oħrajn. Fil-fatt, minkejja li xi wħud forsi jridu li jingħadu xi ħwejjeġ b'mod differenti minn kif diġà inkitbu, xorta waħda jkun aktar żgur li jiena nsegwi f'kollox il-ġudizzju tiegħek waħdek, li miegħek il-Qaddis ta' Alla kien jiftaħ qalbu aktar milli lejn oħrajn u li hu nnifsu kien jafda fik aktar bil-qalb f'dak kollu li kien irid jagħmel. Jalla jogħġob lilek, mela, missier miqjum, *skond il-għerf li ngħatalek* (2Pt 3,15), li taqta' barra u tnaqqas minn din l-opra dawk il-ħwejjeġ li huma ta' ostaklu. Jalla jogħġbok tiġbor u tħares fiha dak kollu li hu utli. Jiena nittama fl-ubbidjenza li biha qed nitolbok tirċievi l-frott tad-devozzjoni tiegħek kemm fil-ħafna kliem kif ukoll fil-qosor, biex hekk, waqt li nimxu wara l-fidi u l-ġrajjiet tal-istorja, inżommu dejjem quddiemna u kullimkien it-triq tal-verità.

## Tibda l-ħajja tal-imqaddes missierna Franġisku[5]

## Il-mod li bih hu ikkonverta lejn Alla. Kif biegħ il-ħwejjeġ li kellu. B'liema mod missieru ippersegwitah u kif ommu ħelsitu

### L-ewwel qari

**2** Il-bniedem ta' Alla Franġisku twieled fil-belt ta' Assisi, li tinsab fit-territorju tal-wied ta' Spoleto.[6] Sa mill-ewwel sena ta' ħajtu trabba b'mod esaġerat fil-frugħat tad-dinja. Billi hu kien mexa b'mod eċċessiv wara l-ewwel eżempji li tawh il-ġenituri tiegħu, sa ma kellu kważi ħamsa u għoxrin sena, kien jaħli l-ħin billi jgħix ħajja fiergħa hekk li, fost dawk li kienu jinġibdu biex jimxu wara t-tlellix miżeru tad-dinja, f'beltu hu kien l-aktar wieħed fieragħ u esaġerat.[7] Fil-fatt, minkejja li t-twajjeb

[5] Il-possessiv *beati patris nostri* (l-imqaddes missierna) jindika li l-VB inkitbet bl-iskop li jaqrawha l-patrijiet Minuri.
[6] San Franġisk twieled f'Assisi fl-1182.
[7] Tommaso da Celano kien tkellem dwar it-tfulija u ż-żogħżija fiergħa ta' Franġisku u dwar l-eżempju mhux tant edifikanti tal-ġenituri tiegħu. "Kien

Alla ħarsu bil-grazzja tiegħu minn dawk id-dnubiet kbar li bihom il-bnedmin b'mod partikulari jħassru l-oriġini tagħhom u jwaqqgħu għall-baxx l-unur tan-natura tagħhom, u minkejja li *aktar minn sħabu kollha ta' mparu* (Gal 1,14) kien jgħix fil-frugħat u l-pjaċiri, hu kien jippretendi li kulħadd jammirah għal dak li kien jagħmel. Tabilħaqq, hu kien għani imma ma kienx xħieħ, anzi kien ġeneruż sal-ħala, ma kienx jaħżen il-flus imma kien iqassamhom bħal wieħed li jaħlihom. Kien jiġri li, kull meta kien jingħata għan-negozju u *kien idur mal-art kollha* (Ġen 41,46) iġorr tagħbijiet ta' drappijiet biex ibiegħhom, ħafna kienu jagħmlu esperjenza tal-vantaġġi tal-umanità tiegħu, hekk li hu nnifsu kien igawdi mill-ħbiberija ta' kull xorta ta' bnedmin.

## It-tieni qari

**3** Minkejja l-fatt li kien qed jgħix fi spirtu hekk kuntrarju, il-konverżjoni tiegħu lejn Alla kienet ta' eżempju għal dawk li ġew warajh: *ġiet fuqu id il-Mulej* (Eżek 1,3) u *l-leminija tal-Aktar Għoli* (S 77 (76), 11) biddlitu, billi għakkset lil ġismu bi dgħufija kontinwa u bdiet tiġbed lejha l-gost ta' ruħu bid-dilka tal-Ispirtu s-Santu. Fil-fatt, malajr hu ikkonverta fi bniedem ġdid u ma setax aktar jifraħ b'dawk il-ħwejjeġ li qabel kien imdorri fihom. Ġara li, dak kollu li qabel kien iferrħu, wara beda jnissel fih id-djieqa. Imma billi l-ġrajjiet ta' riżq tajjeb jerġgħu iqajjmu fuq tiegħu dak li t-tbatijiet ikunu xeħtu mal-art, meta reġa' kiseb lura l-forzi ta' ġismu, beda jixtieq dejjem aktar li jakkwista l-favuri tad-dinja. Għalhekk iddeċieda li jingħaqad ma' wieħed raġel nobbli minn Assisi, li kien qiegħed iħejji spedizzjoni militari lejn il-Puglia.[8] Meta hu ingħata b'ruħu u ġismu b'kull determinazzjoni li

---

hemm raġel fil-belt ta' Assisi, li tinsab fit-tarf tal-wied ta' Spoleto. Kien jismu Franġisku. Sa mill-bidunett ta' tfulitu, mingħand il-ġenituri tiegħu ġie mrobbi ħażin skond il-frugħa tad-dinja. Kien jimita l-eżempji tagħhom, u hekk hu sar aktar fieragħ" (1C 1 [FSF I, 202]).

[8] Ir-reġjun tal-Puglia kien jagħmel parti mir-renju ta' Sqallija. F'dik l-epoka Guatier de Brienne, eredi tat-tron ta' Sqallija min-naħa ta' martu li kienet Normanna, kien qiegħed jiġġieled favur il-Papa Innoċenz III kontra l-armata

jmur miegħu, lejl minnhom ra f'viżjoni d-dar tiegħu mimlija bl-armi tal-kavallieri, għalkemm is-soltu kienet tkun mimlija biss bil-ħwejjeġ tal-merkanzija. Waqt li kien qiegħed jammira dan kollu, wasallu leħen waqt il-ħolm, li qallu li dawk l-armi kellhom ikunu tiegħu u tal-kavallieri tiegħu.

## It-tielet qari

**4** Meta mbagħad qam mir-raqda, beda jitlef il-ħeġġa għal dak li ried iwettaq. Billi ma setax jifhem il-bidla li ma kienx qiegħed jittama li sseħħ fih, beda jistaqsi lilu nnifsu dwar dan kollu fis-skiet ta' qalbu. Kien diġà lest biex iqabbel ir-rieda tiegħu mar-rieda divina, u wara li warrab għal ftit mill-istorbju tad-dinja u tan-negozju, beda jitħabat biex iħares lil Ġesù Kristu fir-raġel ta' ġewwa tal-ispirtu tiegħu. Beda jixtieq li ħadd ma jkun jaf b'din ix-xewqa qaddisa li ried iwettaq, u beda jistaqsi lil Alla biex jagħtih parir. Minkejja dan, beda jitkellem ma' ċertu ħabib, imma taħt xbihat, dwar il-fatt li hu kien sab teżor. Kien ta' spiss isejjaħlu biex imur miegħu fl-aktar postijiet moħbija, u kien jidħol waħdu fi kripta[9] li fiha *kien jitlob lil Missieru fil-moħbi* (Mt 6,6). B'hekk imtela b'ferħ divin, u billi ma setax aktar iżomm magħluqa fih innifsu l-ħeġġa tal-Ispirtu, ma riedx iżjed imur fil-Puglia u beda jgħid fil-beraħ li ried iwettaq ħwejjeġ kbar f'pajjiżu. Meta kienu jistaqsuh dwar jekk kienx beħsiebu jiżżewweġ, hu beda jwiegħed li fi żmien qasir hu kellu jsib l-aktar mara għarfa, sabiħa u maħbuba li wieħed seta' qatt jara.

## Ir-raba' qari

**5** Jum minnhom, waqt li kien qiegħed jitlob, il-Mulej urieh dak li hu kellu jagħmel. Billi ma setax iżomm magħluq fih innifsu l-ferħ li ħass,

imperjali ta' Federiku II fl-Italja ta' isfel, imma miet fil-11 ta' Ġunju 1205.

[9] X'aktarx il-kripta romanika ta' San Masseo, li għadha teżisti ftit bogħod minn San Damiano, qrib il-Via Francigena li tgħaddi taħt il-belt ta' Assisi.

mar qabad u ħa xi pezez ta' drappijiet prezzjużi biex ibiegħhom, u bl-għaġġla mar lejn il-belt ta' Foligno. Hawnhekk, skond kif kien imdorri jagħmel, *biegħ kull ma kellu* (Mt 13,46) u li kien ġab miegħu. Bħala negozjant ferrieħi, kontra kull drawwa li soltu kellu, saħansitra ħalla warajh iż-żiemel li kien riekeb, u irċieva prezz tal-bejgħ tiegħu. Hu dak il-ħin stess ikkonverta għall-għemejjel ta' Alla b'mod straordinarju. Billi ħass li dawk il-flus kienu piż żejjed fuqu anke biex iġorrhom għal siegħa waħda biss, u billi qjies li l-qliegħ mhuwiex *ħlief ftit ramel* (Għerf 7,9), hu mar jagħti dawk il-flus lil saċerdot fqajjar li kien jgħix fi knisja qrib Assisi,[10] biex dan jużah favur il-foqra. Billi dak is-saċerdot ma riedx jirċievi l-flus, għax kien jinkwieta minħabba l-biża' mill-qraba,[11] u billi baqa' mistagħġeb bil-konverżjoni hekk tal-għaġeb li kienet seħħet, dak il-bniedem li issa kien tassew jiddisprezza l-flus xeħethom ġewwa tieqa u għaffiġhom taħt riġlejh bħallikieku kienu trab.

## Il-ħames qari

**6** Għaldaqstant missieru, meta sema' dawn il-ħwejjeġ dwaru, intlaqat bil-kbir b'din il-ġrajja mhux mistennija, u wara li ġie fil-post fejn il-qaddej ta' Alla kien jgħix, beda jfittxu imma ma sabux. Fil-fatt, hu kien inħeba għal kważi xahar sħiħ f'kantina taħt l-art, li fiha kien jġibulu l-ikel bil-moħbi.[12] Imma jum minnhom, meta daħal fil-belt ta' Assisi liebes ħwejjeġ foqra, missieru ma setax irażżan lilu nnifsu, imma mar ħatfu f'idejh u kaxkru bil-mistħija lejn id-dar. Hu kien hekk mhux

[10] Il-knisja ta' San Damiano, ftit barra mill-ħitan ta' Assisi. Skond l-*Anonimo Perugino* 7 (FSF I, 496) dan il-qassis kien jismu Pietro.

[11] Il-qraba ta' San Franġisk. Billi hu kien jgħix fid-dar ta' missieru Pietro di Bernardone u ommu Pica, il-qassis beża' jieħu l-flus, għax kien jaf li Franġisku akkwistahom bil-bejgħ ta' ġid li kien tal-familja.

[12] Il-kelma Latin *fovea* tfisser ħofra fl-art. X'aktarx li l-post li fih inħeba ż-żagħżugħ Franġisku mill-qilla ta' missieru kien jinsab fid-dar tal-qassis fqajjar ta' San Damiano. Illum il-ġurnata, fil-ġnien tal-kunvent ta' San Damiano għad hemm taraġ li jniżżlek ġo kantina, li minnha mbagħad terġa' tinżel aktar fl-fond f'kamra mudlama u dejqa taħt l-art, li x'aktarx timmarka l-post fejn San Franġisk kien inħeba.

milħuq mill-ebda sentiment ta' ħniena, u għal diversi ġranet sakkru f'kamra mudlama, u flimkien mal-kliem beda jżid is-swat u mas-swat żied il-ktajjen. Iżda hu, biex iwettaq dak li kien beda, ra kif għamel biex imur lura għall-impenn tiegħu b'mod aktar pront u b'deċiżjoni akbar. Wara ftit taż-żmien, billi missieru kien telaq minn pajjiżu, ommu tatu l-permess biex jitlaq bħala bniedem ħieles, wara li ħallitlu l-ktajjen. In-nies tal-belt u dawk kollha li kienu jafuh beda isejħulu miġnun u li tilef rasu, u bdew jixħtu kontrih *it-tajn tat-triqat* (S 18 (17),43), u *l-ġebel* (Ġw 8,59). Il-qaddej ta' Alla la ħassu milqut u lanqas mibdul minn ebda tagħjir, u wera ruħu bħallikieku kien trux għal dan id-disprezz kollu.

**B'liema mod hu inxteħet fil-borra,**
**u wara dan mar jaqdi lil-lebbrużi.**
**Dwar kif sewwa tliet knejjes, u wara li biddel it-tieni libsa tiegħu,**
**resaq lejn il-perfezzjoni evanġelika,**
**u ġew miegħu sħabu u fihom għaraf l-għemil tal-Ispirtu ta' Alla**

**Is-sitt qari**

**7** Issa li kienet intemmet il-persekuzzjoni ta' missieru,[13] liebes biċ-ċraret, dak li darba kien juża ilbies prezzjuż, jum minnhom, waqt li kien qiegħed ikanta t-tifħir tal-Mulej bl-ilsien Franċiż hu hu miexi ġewwa bosk,[14] *waqa' f'idejn il-ħallelin* (Lq 10,30). Meta dawn bdew

[13] Fil-VB, Tommaso da Celano ma jitkellimx dwar il-fatt ta' Franġisku li jinża' ħwejġu quddiem l-isqof Guido ta' Assisi. Dan jurina li l-VB inkitbet fi żmien li fih fra Elija kellu l-appoġġ tal-Papa Girgor IX biex jiġġieled favur l-eżenzjoni tal-patrijiet Minuri mill-ġurisdizzjoni tal-isqfijiet djoċesani. Hekk Celano jevita li juri li Franġisku kien fittex il-protezzjoni tal-isqof ta' beltu u daħal taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu bħala ordinarju (il-fatt li l-isqof għatta lil Franġisku bil-mantell tiegħu). Fil-VB 96 li tikkonkludi l-parti bijografika, Celano juża kliem ta' tifħir għall-"bażilika tal-imqaddes Franġisku" li Girgor IX "eżentaha minn kull ġurisdizzjoni inferjuri għall-awtorità apostolika."
[14] Franġisku, li kien trabba fil-kultura *cortese* tal-kavallieri ta' Assisi sħabu, kien juża l-Franċiż, l-ilsien tal-letteratura, biex jesprimi l-ferħ tiegħu u jkanta

jistaqsuh b'mod selvaġġ min kien, bil-fiduċja hu weġibhom: "Jiena l-ħabbar *tar-Re kbir*" (S 48 (47),3). Huma sawwtuh bil-qawwa, u mbagħad xeħtuh ġo foss mimli borra, u qalulu: "Oqgħod hemm, ja bniedem selvaġġ, ħabbar ta' Alla!" Meta mbagħad dawk telqu minn hemm, hu farfar il-borra minn fuqu, u mimli ferħ qabeż barra mill-ħofra. Wasal imbagħad f'monasteru ta' rħieb,[15] u billi qisuh bħala bniedem li ma jiswa għal xejn, tawh permess kontra qalbhom li jaqdu fil-kċina bħala garżun. Fl-aħħarnett, billi ħadd ma kien wera ħniena lejn l-għera tiegħu, imġiegħel mill-ħtieġa, kompla fi triqtu u wasal fil-belt ta' Gubbio, fejn kiseb tonka qasira mingħand wieħed ħabib antik tiegħu.[16] Il-prijur ta' dak il-monasteru, meta aktar tard sema' bil-fama tar-raġel ta' Alla, beda jaħseb fuq il-mod kif fil-passat kien qjiesu, u iddispjaċih ħafna, mar għandu u umilment talbu maħfra.

## Is-seba' qari

**8** Wara dan il-maħbub tal-umiltà mar joqgħod mal-lebbrużi.[17] Kien jaħslilhom bl-umiltà l-ġrieħi tagħhom, u ma kienx jitqażżeż inaddafhom mill-materja. Qabel, iżda, meta kien jara mqar mill-bogħod lil-lebbrużi u l-postijiet fejn kienu joqogħdu, kien jagħlaq imnifsejh b'idejh. Imma meta l-grazzja ta' Alla żaritu meta kien għadu liebes ta'

---

t-tifħir lil Alla. X'aktarx li kien tgħallmu minn ommu Pica, li kienet ġejja minn Franza. Il-fatt li Franġisku jsejjaħ lilu nnifsu "ħabbar tar-re kbir" hu prova tal-ispirtu ta' kultura *cortese* li fiha trabba.

[15] Il-monasteru Benedittin ta' San Verecondo lejn in-nofsinhar ta' Gubbio, illum imsejjaħ Vallingegno, qrib it-triq ewlenija li minn Perugia tieħdok Gubbio.

[16] Dan il-ħabib kien jismu Federico Spadalunga. Skond it-tradizzjoni l-knisja attwali ta' San Franġisk fil-belt ta' Gubbio inbniet fil-post fejn hu kellu daru u laqa' fiha lil San Franġisk.

[17] Il-lazzaretti tal-lebbrużi barra Assisi kienu jinkludu dak ta' San Salvatore delle Pareti, fejn illum hemm il-Casa Gualdi, nofs triq bejn Assisi u Santa Maria degli Angeli, u dak ta' San Lazzaro d'Arce, qrib Rivotorto, fejn illum għad hemm wieqfa l-kappella ta' Santa Marija Maddalena. Hu x'aktarx qrib xi wieħed minn dawn il-lebbrożarji li Franġisku ltaqa' mal-lebbruż fl-1205.

sekular, jum minnhom iltaqa' ma' lebbruż, u wara li rebaħ b'mod tal-għaġeb lilu nnifsu, *biesu* (Mk 14,45).[18] Minn dan il-ġest hu tqanqal b'ħeġġa akbar biex jistmerr lilu nnifsu, u beda jqis lilu nnifsu b'disprezz dejjem aktar. Kien ukoll jipprovdi għall-ħtiġijiet tal-foqra l-oħrajn, meta kien għadu jgħix fid-dinja, u kien iqisha bħala ħaġa indenja b'mod żejjed li jiċħad li jagħti karità lil min jitolbu f'isem Alla. Fl-ewwel sena tal-konverżjoni tiegħu,[19] l-imqaddes Franġisku sewwa b'kura kbira l-knisja ta' San Damiano, li kienet ilha mibnija minn żminijiet il-qedem u li issa kienet għodda mġarrfa għal kollox.[20] Dan kien il-post li fih, wara li kienu għaddew sitt snin mill-konverżjoni tal-imqaddes Franġisku, kellha l-bidu hieni tagħha r-reliġjon glorjuża tas-Sorijiet Foqra,[21] permezz ta' dak l-istess bniedem. Dwar l-imġieba qaddisa u l-ħajja tal-għaġeb ta' dawn is-sorijiet għalissa ħa nżommu s-skiet, għax dan jitlob kitba proprja u żmien ħieles biex wieħed jagħmilha.

### It-tmien qari

**9** Wara dan il-missier imqaddes bl-istess mod sewwa knisja

[18] Celano jikteb ir-rakkont fuq il-mudell tal-ħajja ta' San Martin ta' Tours, li wkoll ħaddan miegħu u bierek raġel lebbruż skond SULPICIO SEVERO, *Vita Sancti Martini*, vol. 1, 18, 3, in *Sources Chrétiennes* 133, ed. J. Fontaine, Paris 1967, 292.
[19] 1206-1207.
[20] Il-knisja ta' San Damiano kienet prijorat antik Benedittin, dokumentata fl-1030. Fl-1103 saret proprjetà tal-prijur tal-knisja ta' San Rufino. Kif sabha Franġisku kellha navata bi kripta u presbiterju merfugħ, skond l-istil monastiku. Fil-knisja kien hemm l-ikona tal-Kurċifiss biżantin li llum jinsab imħares fil-knisja ta' Santa Klara f'Assisi.
[21] Is-sitt sena mill-konverżjoni ta' Franġisku kienet l-1211. Kien nhar Ħadd il-Palm, 28 ta' Marzu ta' dik is-sena, li Klara ħalliet id-dar u ikkonsagrat ħajjitha fil-kappella tal-Porziuncola. Wara ftit żmien fil-monasteru Benedittin ta' San Paolo delle Abbadesse f'Bastia Umbra, u f'dak ta' Sant'Angelo di Panzo, Franġisku bagħatha f'San Damiano, fejn twieldet ir-*religio*, jiġifieri l-familja reliġjuża, tal-*Ordo Pauperes Dominarum*, l-Ordni tas-Sorijiet Foqra. Meta sar Papa Girgor IX fl-1227, tahom l-isem ta' Ordni ta' San Damiano fl-1235.

oħra qrib Assisi, li kienet imġarrfa.[22] Wara li mar joqgħod fil-post jismu Porziuncola, hemmhekk reġa' beda jibni l-knisja tal-imqaddsa Verġni Marija, li kienet imġarrfa u kważi meqruda,[23] u ma ċaħadx għal dan il-bidu hekk tajjeb sa ma wassal fit-tmiem kull impenn tiegħu. Issa kienu għaddew tliet snin mill-konverżjoni tiegħu. F'dan iż-żmien hu kien jilbes tonka bħal dik tal-ermiti, u kien imħażżem b'ċintorin tal-ġild u kien iżomm ħatar f'idejh, u kien jilbes l-għata tar-riġlejn.[24] Imma meta jum minnhom f'dik il-knisja inqara l-Evanġelju ta' kif il-Mulej bagħat lid-dixxipli tiegħu biex jippriedkaw, wara li semgħu l-imqaddes Franġisku, u fehem li d-dixxipli ta' Kristu ma kellhomx *ifittxu li jkollhom la deheb, la fidda u lanqas flus* (Mt 10,9; Lq 9,3), *la ħorġa għat-triq, la ħobż u lanqas ħatar*, *la qrieq u lanqas żewġ ilbiesi* (Mt 10,10; Mk 6,8; Lq 9,3; 10,4), imma li kellhom jippriedkaw is-saltna ta' Alla u l-penitenza, hu mall-ewwel *mimli* bil-grazzja *tal-Ispirtu s-Santu* (Atti 6,5.8) qal: "Dan hu dak li jiena rrid. Dan hu dak li nixtieq nagħmel b'qalbi kollha." Dak il-ħin stess *neħħa l-qorq minn riġlejh* (Eż 3,5), reħa l-ħatar minn idejh u kien kuntent li jkollu biss tonka waħda

[22] Din kienet il-knisja ta' San Pietro della Spina, li kienet tinsab ftit barra minn Assisi qrib xi artijiet li kienu proprjetà ta' missier San Franġisk. Mhux probabbli li kienet l-abbazija ta' San Pietro ġewwa Assisi, għax din kienet prijorat Benedittin u ma kienetx imġarrfa.

[23] Il-kappella tal-Porziuncola kienet waħda mill-knejjes dipendenti mill-abbazija ta' San Benedetto al Monte Subasio, u tmur lura għall-1145. X'aktarx li nbniet qabel, matul is-seklu 10, għax l-isem 'Porzuncle' jidher f'dokument tal-arkivju tal-kattidral ta' Assisi, datat 1045. Hemm leġġenda li tgħid li l-kappella inbniet fi żmien il-Papa Liberius fis-seklu 4, minn eremiti li kienu ġew mill-Art Imqaddsa, u li qiegħdu fiha ġebla meħuda mill-qabar tal-Verġni Marija fil-Wied ta' Ġosafat, u semmew il-knisja Santa Maria di Giosafat. Fi żmien San Franġisk il-kappella kienet magħrufa bħala Santa Maria degli Angeli, jew inkella Santa Maria della Porziuncola. Ġiet imħollija f'idejn Franġisku mill-Benedittini tal-Monte Subasio. Kien f'din il-knisja li San Franġisk sema' l-kliem tal-Evanġelju tal-missjoni tal-appostli fl-24 ta' Frar 1208. Il-Porziuncola kienet ċentru ta' mumenti importanti fil-ħajja ta' San Franġisk u l-Ordni tiegħu. Episodji jinkludu l-vokazzjoni ta' Klara (28 ta' Marzu 1211), l-indulġenza tal-Porziuncola (1216), il-kapitli tal-Ordni, u l-mewt ta' San Franġisk (3 ta' Ottubru 1226).

[24] Dan l-istil ta' lbies jurina li Franġisku kien jgħix ħajja ta' penitenti.

ta' bla valur, u flok biċ-ċinturin tħażżem b'ħabel. Tabilħaqq hu ħa ħsieb li jħares kelma b'kelma sakemm dam ħaj il-ħwejjeġ l-oħrajn li hu kien sema' b'tant ħerqa dwar il-perfezzjoni evanġelika.

### Id-disa' qari

**10** Wara dan, għaldaqstant, mimli b'ħeġġa kbira tal-ispirtu, *beda jxandar il-penitenza* (Mt 4,17) lil kulħadd, għalkemm kien jagħmel dan b'diskors sempliċi, imma ħiereġ minn qalb miftuħa beraħ. Tassew, ta' kull jum hu kien jipproponi l-kelma ta' Alla lil dawk li kienu jinġabru biex jisimgħuh, kif il-Mulej kien urieħ, u kien jibda billi jxandar qabel xejn is-sliem u jgħid: *"Il-Mulej jagħtikom is-sliem!"* (2Tess 3,16). Din it-tislima kien ixandar lill-irġiel u nisa, kif ukoll lil dawk kollha li kien jiltaqa' magħhom. Għaldaqstant bosta minn dawk *li kienu jobogħdu s-sliem* (S 120 (119),6) u bl-istess mod ukoll is-salvazzjoni, bl-għajnuna tal-*Mulej li kien jaħdem magħhom* (Mk 16,20), ħaddnu l-paċi b'qalbhom kollha, u saru huma wkoll *ulied is-sliem* (Lq 10,6) u kienu jaħdmu għalenija biex jiksbu s-salvazzjoni eterna. Fost dawn kien hemm fra Bernardo mill-belt ta' Assisi, li ħaddan *l-ambaxxata tal-paċi* (Lq 14,32), u kien l-ewwel wieħed li mar jiġri wara l-Qaddis ta' Alla.[25] Hu, wara li biegħ kull ma kellu u qassmu lill-foqra, wettaq il-kunsill tal-Evanġelju mqaddes bl-iskop li jgħix ħajja aktar perfetta: *"Jekk trid tkun perfett, mur, bigħ il-ġid li għandek, agħtih lill-foqra, u jkollok teżor fis-sema; imbagħad ejja u imxi warajja"* (Mt 19,21).[26] Sitt irġiel oħrajn

[25] Bernardo da Quintavalle, skond 1C 24 (FSF I, 223) ma kienx l-ewwel sieħeb ta' San Franġisk: "L-ewwel wieħed fost dawk li mxew wara l-bniedem ta' Alla kien joqgħod Assisi, u kien raġel devot u ta' sempliċità fl-ispirtu." Imma dan is-sieħeb baqa' anonimu u l-VB ma ssemmiehx u tinsisti li kien Bernardo l-ewwel wieħed li mexa wara San Franġisk.

[26] Kien fil-knisja ta' San Niccolò *ad pedem plateam* li Franġisku mar ma' Bernardo da Quintavalle u ċertu Pietro (Pietro Cattani) biex jikkonsulta l-Missal. It-tliet testi tal-Evanġelju li ġew quddiem għajnejh iffurmaw in-nukleu tal-forma ta' ħajja li Franġisku għażel li jgħix. Kienu Mt 19,21; Lq 9,3; Mt 16,24. Il-Missal li ikkonsulta San Franġisk għadu mħares sallum fil-Walters Art Gallery ta' Baltimore, USA.

bdew jimitaw dik il-għamla [ta' ħajja], u ingħaqdu mal-imqaddes Franġisku bil-ħajja u t-tonka.[27] Il-missier hieni kien jishar u jitħabat bil-ħeġġa biex ta' kuljum jgħallimhom jifhmu l-ħwejjeġ essenzjali tal-ħajja u kien jiffurmahom biex jimxu b'passi deċiżivi l-ħajja tal-faqar imqaddes u tas-sempliċità hienja.

**11** Billi għaldaqstant kien jaqbad bil-ħeġġa fl-imħabba ta' Alla bl-ogħla devozzjoni u kien jixtieq b'qalbu kollha li wliedu jimxu 'l quddiem, jum minnhom mar f'post ta' talb, kif kien jagħmel ta' spiss. Hemmhekk, waqt li taħt l-ispirazzjoni kien jippersevera fit-tul fl-indiema mqaddsa u beda jaħseb *fl-imrar ta' ruħu* (Is 38,15) fl-għemejjel ħżiena li kien wettaq, beda jħoss ħlewwa li ma setax ifissirha u ferħ li qatt ma kien ħassu qabel li bdew isaqqu dak kollu li kien niexef fil-qalb tiegħu, iqabbdu bil-ħeġġa dak li kien biered, u jdawwlu dak li kien mudlam. Hekk tbiegħed minnu nnifsu, u maħtuf fuqu nnifsu, ħassu għal kollox mitluf bħallikieku f'dija ta' dawl. Wara li rċieva, mingħajr l-ebda dell ta' dubju, il-maħfra ta' ħtijietu kollha, filwaqt li wessa' l-qalb tal-ispirtu, beda jara b'mod ċar dak li kellu jseħħ fil-ġejjieni.[28] Minn dak il-ħin, għaldaqstant, beda jirrakkonta xi ħwejjeġ meħtieġa lill-aħwa u jgħidilhom: "Ħuti u uliedi, il-Mulej għadu kif urieni li Alla se jkabbarna f'kotra kbira u se jferrixna f'għadd kbir sat-truf ijiet tal-art. Għax tabilħaqq, *jiena rajt kotra kbira* (Apk 7,9) ta' rġiel li ġejjin għandna, u li se jgħixu magħna lebsin it-tonka tal-imġieba qaddisa, u li se jgħaddu bħalna mill-istess triq li aħna għaddejna minnha. Jiena rajt kotra bla għadd *minn kull nazzjon li hawn taħt is-sema* (Atti 2,5) li ġejjin jinġabru flimkien f'dawn l-inħawi u l-ħoss *tal-ilħna tagħhom* (Għan 2,14) għadu jidwi f'widnejja. Ġejjin il-Franċiżi, qed iħaffu l-Ispanjoli, kif ukoll il-Ġermaniżi u l-Ingliżi, u diversi minn nazzjonijiet u ilsna differenti qed jinġemgħu f'folol." Meta l-aħwa semgħu dan, *infexxu*

---

[27] 1C 25 (FSF I, 25) jagħti ħjiel tal-ewwel seba' sħab ta' San Franġisk: Bernardo da Quintavalle, Pietro (Cattani), Egidio, Sabbatino, Morico, Giovanni della Cappella, u Filippo Longo.

[28] Din l-esperjenza unika ta' maħfra li ħass San Franġisk seħħet fil-muntanja fuq l-eremitaġġ ta' Poggio Bustone, fuq il-Wied ta' Rieti, fejn sallum għadha meqjuma l-kappella-għar li tfakkar din il-ġrajja.

*f'għajat ta' ferħ* (S 126 (125),2) li jsalva, kemm minħabba l-grazzja li l-Mulej Alla kien ta lill-qaddis tiegħu, kif ukoll għax kienu bil-għatx imħeġġeġ biex jirbħu għal magħhom lill-proxxmu, u kienu jixtiequ li *minn jum għal ieħor il-Mulej iżidilhom magħhom lil dawk li jkunu salvi* (Atti 2,47).

### B'liema mod l-aħwa kienu jmorru fid-dinja tnejn, tnejn, u dwar kif il-Papa Innoċenz tah l-awtorità biex jippriedka, ikkonferma r-regola, u b'liema mod, wara li l-aħwa issaħħew fis-solitudni, iddeċidew li jingħaqdu mal-faqar u jkunu ta' għajnuna għall-proxxmu

**12** Fl-istess żmien, billi raġel ieħor ingħaqad magħhom, l-aħwa laħqu n-numru ta' tmienja. Il-missier imqaddes, wara li ġabarhom *tnejn, tnejn* (Lq 10,1), bagħathom f'diversi partijiet tad-dinja bil-ministeru *li jxandru s-sliem* (Atti 10,36) u li jippriedkaw il-penitenza. Hu ippreżenta quddiemhom diversi ħwejjeġ dwar is-saltna ta' Alla, u irrikmandalhom li jgħixu l-aktar l-umiltà u s-sabar. Huma laqgħu bil-ferħ l-ubbidjenza qaddisa li ingħatatilhom, u bl-umiltà inxteħtu f'riġlejh. Hu bil-ħlewwa kollha ħaddanhom miegħu bħal omm, u bi priedka profetika qal lil kull wieħed minnhom: *Ħalli xortik f'idejn il-Mulej u hu jgħinek u jwieżnek* (S 55 (54),23). Hu kien jgħid dawn il-kliem kull meta kien jistieden lill-aħwa għall-ubbidjenza, u kien irid li huma jersqu lejn Alla u jafdaw fih b'kull kura.

**13** Imma wara li għadda ftit taż-żmien, billi l-Mulej kien urieh ħwejjeġ oħra, skond ix-xewqa tiegħu f'daqqa waħda l-aħwa kollha inġabru flimkien fl-istess waqt. Huma iċċelebraw b'ferħ kbir dak li l-missier imqaddes kien ra fil-viżjoni, u bdew jistagħġbu ħafna kif irnexxielhom jinġabru flimkien fl-istess post u żmien. Huma talbu bl-umiltà l-maħfra, u akkużaw lilhom infushom tal-offiżi u kull xorta ta' ingratitudni. Huma fdaw fil-Qaddis ta' Alla kull ħsieb li kien jinkwetahom, kif setgħu. U hekk erba' irġiel oħrajn li jistħoqqilhom

ingħaqdu magħhom, u hekk waslu għan-numru ta' tnax l-aħwa. Minħabba f'hekk kien hemm għidut kbir fost il-poplu u l-fama tal-bniedem ta' Ala bdiet tinfirex fil-bogħod.

**14** Billi l-imqaddes Franġisku ra kif il-Mulej *minn jum għall-ieħor kien iżid* (Atti 2,47) il-għadd tal-aħwa f'dik il-komunità, kiteb għalih innifsu u għall-aħwa preżenti u futuri b'mod sempliċi u bi ftit kliem il-forma ta' ħajja u r-regola, billi għamel użu prinċipalment mill-kliem tal-Evanġelju mqaddes, li kien jixtieq iħares bl-aktar mod perfett. Minkejja dan hu daħħal ukoll xi ħwejjeġ oħrajn, li kienu meħtieġa għall-prattika ta' imġieba ta' ħajja qaddisa. Imma billi kien jixtieq li dak li kien kiteb ikun ikkonfermat mill-Papa, mar Ruma,[29] hu li kien it-tnax-il wieħed flimkien mal-ħdax aħwa li kellu miegħu. Wara li ddaħħal quddiem il-Papa mill-wieħed mill-kardinali,[30] raġel imżejjen b'dixxeniment u li kien jibża' minn Alla, hu wera lis-sinjur Papa Innoċenz il-għamla ta' ħajja[31] li ried jgħix u urieh bl-umiltà dak li ried iwiegħed. Hekk, bil-ħidma tal-grazzja ta' Alla, is-sinjur Papa wera li qabel miegħu, u billi xtaq li jitkompla l-effett ta' dik il-ħidma, laqa' t-talba li kien għamillu l-bniedem ta' Alla. Wara li qallu bosta kliem ta' tħeġġiġ, ikkonferma r-regola tal-qaddis ta' Alla, u ikkmanda lill-aħwa biex jippriedkaw il-penitenza lil kulħadd, u wiegħedhom li fil-ġejjieni kellu jafdalhom ħwejjeġ akbar u aktar mifruxa. Wara li sema' dawn il-ħwejjeġ kollha, l-imqaddes Franġisku *radd ħajr lil Alla* (Atti 27,35), u wara sellem bl-ispirtu u bil-ġisem tiegħu, u wara li rċieva l-barka tal-Papa u żar l-oqbra tal-appostli qaddisa, u telaq mill-belt, hu beda jterraq fid-dinja.

---

[29] Lotario di Segni ġie elett Papa u ħa l-isem ta' Innoċenz III fit-8 ta' Jannar 1189. Miet f'Perugia fis-16 ta' Lulju 1216. Il-vjaġġ ta' San Franġisk lejn Ruma seħħ fl-1209, qabel nofs Mejju meta l-Kurja Papali marret Viterbo.

[30] 1C 32 (FSF I, 229) tidentifika l-kardinal bħala Giovanni di San Paolo. Dan kien Giovanni Colonna, li kien raħeb Benedittin fil-monasteru ta' San Paolo fuori le Mura, imbagħad kardinal ta' Santa Prisca (1193-1205) u kardinal isqof ta' Sabina, mill-1205 sal-mewt tiegħu fl-1215. Celano kien oriġinarjament qal li l-isqof Guido ta' Assisi kien għen lil San Franġisk jasal għand il-Papa, imma fil-VB jiskot dwar dan il-fatt.

[31] Il-Latin juża l-kelma *propositum (vitae)* biex jindika l-forma ta' ħajja evanġelika li San Franġisk ippreżenta quddiem il-Papa.

**15** Hu kien jistagħġeb kif ix-xewqa tiegħu seħħet b'mod hekk faċli u kien iħossu jfur bil-ferħ dejjem iżjed u bil-fiduċja fil-Mulej, għaliex hu kien urieh sa mill-bidunett dawk il-ħwejjeġ kollha bir-rivelazzjonijiet qaddisa tiegħu. Għaldaqstant id-dixxipli ġodda ta' Kristu kienu *jgħidu wieħed lill-ieħor* (Lq 24,17) bil-ħeġġa b'liema mod setgħu jimxu 'l quddiem biex jikbru fil-virtù sabiex setgħu jkunu ta' eżempju quddiem Alla u l-proxxmu. *Il-ħin* kien *għamel sewwa* u kienu għajjenin bil-mixi huma waslu *f'post imwarrab* (Mt 14,15). Huma kienu mħabbtin ħafna u għajjenin u ma setgħu jsibu l-ebda għajnuna mill-bnedmin, imma l-pjetà divina ma naqsithomx, u bagħtitilhom il-ħobż permezz ta' persuna li ġiet malajr imma li aktar malajr għabet minn quddiemhom. Hekk imfarrġin u mimlijin stagħġib, *raddew ħajr lil Alla* (Kol 3,17) u hekk temmew il-mixja li kien fadlilhom.

**16** Waslu b'hekk f'post qrib il-belt ta' Orte, fejn għexu għal ftit ġranet, u fejn ma kellhom l-ebda konsolazzjoni ta' din l-art, imma kienu jifirħu bit-tgħanniqa ta' oħthom il-*povertà* mqaddsa. Magħha huma għamlu patt ta' ħbiberija, biex hekk jingħaqdu magħha b'aktar ħlewwa, u iffirmaw magħha patt għal dejjem.[32] Meta mbagħad ħallew dak il-post, huma li kienu jħobbu l-ħwejjeġ eterni ftiehmu bejniethom jekk kellhomx jgħixu fost il-bnedmin jew inkella jmorru jgħixu f'postijiet imwarrbin. Imma l-qaddis ta' Alla, li ma kienx jafda fil-qawwa tiegħu, imma *kien ibakkar fit-talb* (S 88 (87),14) qabel ma jagħmel xi ħaġa, għażel li ma jgħix *għalih innifsu biss* (2Kor 5,15) imma li kellu jdur ħalli jirbaħ lill-proxxmu.

**17** Għaldaqstant il-kavallier l-aktar qalbieni ta' Kristu, Franġisku, kien *idur il-bliet u l-kastelli* (Mt 9,35), ixandar il-kelma ta' Alla *mhux*

---

[32] Billi bil-Latin il-kelma *paupertas* hi femminili, u l-Fonti Franġiskani jitkellmu minn għerusija ta' San Franġisk ma' *sorella povertà*, użajna l-kelma bit-Taljan, għax bil-Malti l-kelma "faqar" hi maskili, u mhux possibbli li biha nrendu s-sens ta' għerusija ta' San Franġisk ma' *Madonna Povertà*. It-tema tal-għerusija mistika ma' *sorella povertà* jiġi żviluppat l-aktar fl-allegorija *Sacrum Commercium Sancti Francisci cum Domina Paupertate*, li turi xebħ kbir ma' dawn l-espressjonijiet ta' Tommaso da Celano.

*bil-kliem qawwi tal-għerf, imma bil-wiri tal-Ispirtu u l-qawwa* (1Kor 2,4). *Kien jitkellem bil-miftuħ* (Atti 9,28) bl-awtorità apostolika li ingħatatlu, u ma kienx juża kliem biex iżiegħel bih, u kien ibiegħed minnu l-kliem fieragħ. Tabilħaqq, billi hu kien iħeġġeġ lill-oħrajn bil-kliem, qabel xejn kien ifittex li jħeġġeġ lilu nnifsu bl-għemejjel. Ma kienx jibża' minn dawk li jeħduha kontrih, imma kien jesponi l-verità b'kuraġġ akbar. Diversi persuni għorrief kienu jistagħġbu bil-qawwa tal-predikazzjoni tiegħu u kollha kienu jħaffu biex jiġu jarawh u jisimgħu minn fommu, bħala bniedem ġej minn dinja oħra,[33] u wieħed li ma ġiex mgħallem mill-bnedmin. Bosta mill-poplu, nobbli u mhumiex, kjeriċi u lajċi, mimsusa minn ispirazzjoni divina, bdew jimxu fuq il-passi tal-imqaddes Franġisku u jingħaqdu miegħu, u wara li ċaħdu t-tħassib tad-dinja, bdew jgħixu taħt id-dixxiplina tiegħu.

## Dwar it-tliet Ordnijiet li l-imqaddes Franġisku waqqaf u dwar id-dixxiplina stretta fil-ħarsien tiegħu innifsu u tal-oħrajn, u dwar kif, wara li ħalla post, mar joqgħod fil-Porziuncola u kif għallem lill-aħwa biex jitolbu

18 Dan il-qaddis hieni waqqaf tliet Ordnijiet,[34] kif kien diġà ġie muri minn qabel fit-tliet knejjes li hu kien bena fil-bidunett, għalkemm hu ma kienx konxju minn dan kollu. Lil kull wieħed minnhom hu ta regola ta' ħajja u uriehom fil-verità t-triq tas-salvazzjoni. Ma permezz tiegħu, *bniedem tas-sengħa* (Eż 38,23) li bit-tħabbira u l-offerta tal-forma, regola u duttrina tiegħu, li l-Knisja ta' Kristu tiġġedded fiż-żewġ sessi u li joħroġ rebbieħ l-eżerċtu tat-tliet armati ta' dawk li ġew salvati? Imma hawnhekk se nitkellmu b'mod partikulari dwar l-Ordni

[33] L-espressjoni Latina *homo alterius saeculi omnibus videbatur* tinsab f'1C 36 (FSF I, 233). Tindika bniedem li l-ħajja tiegħu hi miftuħa għat-tieni miġja ta' Kristu, bniedem miftuħ għall-aħħar żminijiet.
[34] Bil-Latin: *tres ordines hic ordinat*, espressjoni meħuda mill-*Officium Rhythmicum Sancti Francisci* ta' Julian minn Speyer, 3 antifona tal-Lawdi (FSF I, 372): "Tliet Ordnijiet ried iwaqqaf: / L-ewwel wieħed sejjaħlu tal-Minuri, / tal-Aħwa fqajrin; / Tan-nofs kien dak tax-Xbejbiet verġni, / Filwaqt li t-tielet kien dak tal-Penitenti, / Li laqa' fih irġiel u nisa."

li hu ġabar madwaru u żamm magħqud fit-tonka u fil-professjoni. Għax x'kien ifisser dan kollu? Hu ħawwel l-Ordni tal-patrijiet Minuri u kien proprju f'dik l-okkażjoni li tah dan l-isem. Tabilħaqq, meta hu kiteb fir-Regola: "għandhom ikunu minuri",[35] malli sema' tinqara din is-sentenza, f'dak l-istess waqt hu qal: "Irrid li din il-fraternità tissejjaħ Ordni tal-patrijiet Minuri."[36]

**19** Min hu dak li waħdu jista' jirrakkonta l-binja spiritwali tal-virtujiet kollha li dan il-Qaddis bena fih innifsu b'dispożizzjoni hienja u kif iddedika lilu nnifsu b'mod tal-għaġeb lejn uliedu kemm fl-għemil kif ukoll fil-kelma? Immexxi mill-grazzja li għallmitu, hu fittex li jesperimenta l-quċċata tal-virtujiet kollha, u waqt li żamm l-ispirtu tiegħu miġbud lejn il-ħwejjeġ tas-sema, kien jgħakkes lill-ġisem imsejken tiegħu bil-madmad tal-penitenza. Rigward id-dixxiplina, hu kien *joqogħod f'postu jgħasses* (Is 21,8) lejl u nhar fuqu nnifsu u fuq uliedu. Għax taqbilħaqq jekk, kif ġie li kien jiġri, xi tentazzjoni

[35] S. Franġisk, *RegNB* 7,2: *sed sint minores et subditi omnibus qui in eadem domo sunt*. Bil-Latin il-kelma *minor (minores)* hi l-komparattiv ta' maġġoranza tal-aġġettiv *parvus* (żgħir). Il-kelma "minuri" mela tindika "inferjuri", "aktar żgħir". Is-sens tal-espressjoni hi li San Franġisk ried li l-aħwa tiegħu jkunu "minuri" billi jkunu sudditi u sottomessi bħala qaddejja tal-oħrajn. Naturalment is-sens oriġinali tal-espressjoni hu evanġeliku: "Min irid ikun kbir fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom, u min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu jkun l-ilsir tagħkom" (Mt 20,26). L-aġġettiv "minuri" magħqud man-nom *fratres* ("aħwa") wassal għall-isem tal-Ordni: *Ordo fratrum Minorum*, li bil-Malti hu tradott "Ordni tal-patrijiet Minuri". La n-nom "aħwa" u lanqas l-aġġettiv "żgħar" bil-Malti ma jrendi r-rikkezza tat-tifsira Latina oriġinali *fratres minores*, u għaldaqstant l-isem "patrijiet Minuri" hu t-titlu kwalifikat tal-Ordni li ried iwaqqaf San Franġisk.

[36] Tommaso da Celano jurina bidla essenzjali f'dan l-istadju: il-fraternità ssir Ordni. Dan il-mod istituzzjonali fil-bijografiji jiġi qabel id-dokumentazzjoni pontifiċja. Fil-fatt l-espressjoni "Ordni tal-patrijiet Minuri" ġiet użata għall-ewwel darba mill-kanċellerija pontifiċja fil-Bulla *Pro dilectis* ta' Onorju III (29 ta' Mejju 1220). Celano jrid juri kif l-isem tal-Ordni twieled qabel l-1215, meta l-Konċilju tal-Lateran IV kien ipprojbixxa t-twaqqif ta' Ordnijiet reliġjużi ġodda.

tal-ġisem xi kultant kienet issawwtu, hu kien jinxteħet f'xi foss mimli borra, meta kienet tkun ix-xitwa, u kien jibqa' fih sakemm kull ġibda karnali kienet titbiegħed minnu. L-aħwa l-oħra kienu jsegwu b'ħeġġa kbira l-eżempju ta' din il-mortifikazzjoni. Kien jgħallimhom mhux biss kif jimmortifikaw il-vizzji u jrażżnu l-ġibdiet tal-ġisem, imma wkoll is-sensi esterni tagħhom, li permezz tagħhom il-mewt tidħol fir-ruħ.

**20** Kien għalhekk li l-missier hieni kien mar jgħix flimkien ma' wliedu f'post ieħor qrib il-belt ta' Assisi, jismu Rivo Torto,[37] fejn kien hemm gorboġ abbandunat minn ħaddieħor. Kien post mill-aktar dejjaq hekk li fih kienu bil-ħniena jistgħu joqogħdu bilqiegħda jew jistrieħu. Ta' spiss kien jonqoshom il-ħobż, u għalhekk kellhom jieklu l-ġdur li kienu jmorru jittallbu fil-għaks li fih kienu jgħixu. Hu kien jikteb l-ismijiet tal-aħwa fuq it-travi ta' dik id-dwejra, sabiex kull wieħed kien jagħraf il-post tiegħu meta jkun irid jitlob jew jistrieħ, u biex il-ħsejjes żejda minħabba d-djuq ta' dak il-post ma jtellfux is-skiet tal-ispirtu. Waqt li kienu jgħixu f'dak il-post,[38] ġara jum minnhom li wieħed raġel ġie jmexxi l-ħmar tiegħu, u wasal fid-dwejra ċkejkna li fiha kienu jgħixu l-bniedem ta' Alla u l-aħwa sħabu. Billi dan ir-raġel ma riedx li jieqfulu f'wiċċu, hu beda jħeġġeġ lill-ħmar tiegħu biex jidħol, u kien jgħidlu dawn il-kelmiet: "Idħol ġewwa, għax hawnhekk se nagħmlu l-ġid lil dan il-post." Meta sema' dan il-kliem San Franġisk laqa' bid-dinjità l-kelma u l-intenzjoni ta' dak ir-raġel, u wara li ħalla mall-ewwel dak il-gorboġ, mar joqgħod fil-post li jissejjaħ Porziuncola.

**21** F'dak iż-żmien, meta l-aħwa talbuh *jgħallimhom jitolbu* (Lq

---

[37] Rivo Torto hu l-isem ta' nixxiegħa li kienet tinżel mill-Monte Subasio fil-pjanura taħt Assisi, fejn illum hemm knisja li tfakkar dan il-gorboġ li fih għexu għal xi żmien il-patrijiet Minuri. Il-gorboġ primittiv ġie mibdul f'kappella fl-1455, u fuqu nbniet knisja iddedikata lil Santa Maria. Fl-1586 il-Papa Sistu V, Franġiskan Konventwal, ordna li tinbena knisja akbar, li nbniet bejn l-1600 u l-1640. Wara t-terremot tal-1853 il-knisja reġgħet inbniet kif inhi llum.
[38] Il-kelma *locus* bil-Latin ("post" bil-Malti) fit-tradizzjoni Franġiskana tindika l-eremitaġġ, bħala abitazzjoni tal-patrijiet differenti mill-*conventus* (kunvent) li żviluppa aktar tard fil-bliet.

11,1), hu wieġeb hekk: *"Meta titolbu, għidu 'Missierna'* (Mt 6,9; Lq 11,2), u 'Nadurawk, Kristu, ukoll fil-knejjes kollha tiegħek li jinsabu fid-dinja kollha, u nbierkuk, għax bis-salib imqaddes tiegħek fdejt id-dinja."[39] L-aħwa kienu jieħdu ħsieb biex josservaw dawn il-ħwejjeġ bil-kura u l-ħeġġa u f'kull post li fih kien jilmħu mill-bogħod xi knisja, kienu jmilu bil-ġisem u bl-ispirtu, u kienu jaduraw kif il-Qaddis ta' Alla kien għallimhom. Is-sempliċità qaddisa kienet imliethom u l-innoċenza ta' ħajja kienet għallmithom, hekk li kienu jqisu kull kelma sempliċi bħala kmand tal-ubbidjenza.

**22** Billi f'dak iż-żmien ma kienx hemm aħwa saċerdoti fl-Ordni tagħna, l-aħwa kienu jqerru għand saċerdoti sekulari kemm jekk kienu tajbin kif ukoll jekk midinbin, u ma kienu jqisu l-ebda qerq fihom, imma kienu juruhom kull devozzjoni u qima. Ġara li wieħed saċerdot kien qal lil wieħed mill-aħwa: "Ara li ma tkunx ta' wiċċ b'ieħor." Dak, minħabba l-kliem li kien qallu, beda jemmen li hu kien ipokrita. Meta l-aħwa rawh hekk imħawwad minn niket żejjed tal-ispirtu, malli fehemu x'kienet ir-raġuni, ħeġġuh biex ma jemminx dak li kien sema'. Imma hu nnifsu ma riedx jemmen li saċerdot seta' jigdeb, u ma riedx jehda min-niket li kien għaddej minnu, sakemm il-missier l-aktar qaddis spjegalu l-kliem tas-saċerdot u bl-għerf ipprova jiġġustifika l-intenzjoni li biha kien qalhom. Malli xi ħadd kien jgħaddi minn taħwida kbira tal-ispirtu, hekk kif kien jisma' *l-kliem imħeġġeġ tiegħu* (S 119 (118),140) kien ibiegħed minnu kull sħaba u kien iħoss il-bnazzi f'ruħu.

### Dwar kif deher trasfigurat.
### Kif wera b'mod mirakoluż il-preżenza tiegħu quddiem dawk li kienu assenti
### u kif għaraf il-ħwejjeġ moħbija fil-qlub tal-oħrajn

**23** Meta kien ikun preżenti l-missier hieni kien ifarraġ bil-

[39] S. Franġisk, *Test* 5 (FSF I, 187).

ħlewwa lil uliedu, u meta ma kienx ikun magħhom ma kienx jonqos milli jimliehom bil-ferħ. Ġara li darba, bil-lejl, hu ma kienx preżenti bil-ġisem fost l-aħwa, meta f'daqqa waħda, qrib nofs il-lejl, waqt li xi wħud mill-aħwa kienu jistrieħu u oħrajn kienu jitolbu, daħal mill-bieb ċkejken tad-dwejra *karru tan-nar* (2Slat 2,11) u beda jiġri *'l hawn u 'l hemm* (2Slat 2,14) diversi drabi mad-dar kollha. Fuqu kienet tidher bħal donnha dija kbira tax-xemx taħt forma ta' globu li kienet iddawwal id-dlamijiet tal-lejl. L-aħwa kienu mistagħġbin u imwerwrin sew, u *bdew jistaqsu lil xulxin* (Lq 22,23) x'kienet dik il-ħaġa. Imma, billi minħabba l-grazzja ta' dak id-dawl il-kuxjenza ta' kull wieħed dehret mikxufa beraħ għal sieħbu, fehemu li dik kienet ir-ruħ tal-missier l-aktar ħelu, li l-aktar minħabba l-grazzja tas-safa u l-kura mimlija pjetà li kellu lejn uliedu, kien jistħoqqlu li jikseb mingħand il-Mulej il-barka ta' don hekk kbir.

**24** B'hekk b'mod żgur raw kif *inkixfu l-fehmiet moħbija ta' qlubhom* (1Kor 14,25), hekk li ma kienux moħbija lill-missier l-aktar qaddis, għaliex permezz tar-rivelazzjoni tal-Ispirtu s-Santu, hu kien ikun jaf l-għemejjel ta' dawk li jkun assenti u kien jiftaħ beraħ il-ħwejjeġ moħbija tal-kuxjenzi għad-dixxerniment fin tiegħu. Ħaġa li qatt ma seħħet fis-sekli ta' qabel! Lil xi wħud kien iwissihom fil-ħolm, u kien jordnalhom x'kellhom jagħmlu u jipprojbilhom dak li ma kellhomx jagħmlu. Kien ikun jaf minn qabel il-ħażen li fil-ġejjieni kienu se jwettqu xi wħud li kienu jidhru tajbin. Kien iħabbar il-grazzja futura tas-salvazzjoni f'dawk li fil-fatt kienu għaddejjin minn ħajja ħażina.

**25** Biex nuru biċ-ċar lil kulħadd kif dan il-qaddis kien jamministra anke lil dawk li huma assenti l-faraġ tal-ispirtu, nirreferi għal fatt li sirt naf bih, billi dan għandu x'jaqsam mal-imqaddes Antnin konfessur ta' Kristu.[40] Billi, f'dak iż-żmien, fra Giovanni di Firenze, li kien maħtur

[40] L-informazzjoni dettaljata dwar Sant'Antnin ta' Padova li tagħtina l-VB hi oriġinali, kif ukoll it-titlu ta' "konfessur ta' Kristu" li tagħtih. Imwieled qrib is-sena 1195 f'Lisbona, il-Portugall, u msemmi Fernando fil-magħmudija, hu kien kanonku regulari ta' Santu Wistin l-ewwel f'San Vincente de Fora u mbagħad fil-monasteru rjali ta' Santa Cruz f'Coimbra. Daħal fl-Ordni tal-

ministru tal-aħwa fi Provenza,[41] kien qiegħed jiċċelebra l-kapitlu tal-aħwa fl-istess provinċja, dan il-qaddis li għadna kif semmejna, jiġifieri l-glorjuż Antnin, kien jinsab preżenti f'dak il-kapitlu, u bħas-soltu kien qiegħed jippriedka bi ħlewwa kbira fuq Ġesù lill-aħwa li kienu miġburin u offrielhom kelma ta' tħeġġiġ fuq l-argument *"Ġesù Nazzarenu, sultan tal-Lhud"* (Ġw 19,19). Waqt li kollha kienu mimlijin bil-ħlewwa tal-priedka tiegħu, ċertu wieħed mill-aħwa li kien saċerdot, u li kien jismu Monaldo,[42] raġel ta' min ifaħħru għall-fama tiegħu, imma l-aktar għall-ħajja tiegħu, u ħabib tas-sempliċità qaddisa, kien iħares lejn il-bieb tad-dar li fiha dawk l-aħwa kienu *kollha flimkien* (Ġoż 9,2). Hu ra bl-għajnejn tal-ġisem lill-imqaddes Franġisku merfugħ fl-arja, li kellha jdejh miftuħa forma ta' salib, u li kien qiegħed ibierek lill-aħwa. *Il-faraġ tal-Ispirtu s-Santu* li bih *kienu imtlew* (Atti 9,31) dawk li kienu hemm bilqiegħda flimkien, għamel li din ix-xhieda hi ta' min jemminha.[43]

**26** Ħafna jsemmu eżempju ta' kif hu kien jagħraf il-ħwejjeġ

---

patrijiet Minuri fl-1220 u ħa l-isem ta' Antnin. Mar missjunarju fil-Marokk fuq l-eżempju ta' San Berardu u Sħabu, l-ewwel martri Franġiskani, imma wara li marad kellu jerġa' lura. Tempesta wasslitu fi Sqallija u mbagħad mar Assisi fejn, wara l-kapitlu ġenerali tal-1221, San Franġisk bagħatu ma' fra Graziano, ministru tar-Romagna. Wara żmien fl-eremitaġġ ta' Montepaolo, wara priedka li għamel f'Forlì, sar predikatur magħruf u lettur tat-teoloġija f'Bologna. Ippriedka fl-Italja ta' fuq u fi Franza, fejn kien kustodju ta' Limoges. Wara sar ministru provinċjal tal-Italja ta' fuq. Miet f'Padova fit-13 ta' Ġunju 1231. Nhar Pentekoste, 30 ta' Mejju 1232, il-Papa Girgor IX ikkanonizzah.

[41] Giovanni Bonelli di Firenze jissemma f'1C 48 (FSF I, 242) u f'Julian minn Speyer, *Vita S. Francisci*, 30 (FSF I, 412), f'Bernard minn Besse, *Liber de Laudibus S. Francisci*, in *Analecta Franciscana* III, Quaracchi 1897, 230. Il-kapitlu ta' Provenza sar fil-belt ta' Arles fl-1224.

[42] Fra Monaldo x'aktarx li miet f'Arles u jisemma f'Bernardo minn Besse, *Liber de Laudibus S. Francisci,* 6, in *Analecta Franciscana* III, Quaracchi 1897, 678.

[43] Dan l-episodju jurina kif, fl-1224, il-komunità primittiva tal-aħwa qrib San Franġisk kienet infirxet u saret Ordni magħmul minn provinċji, bil-ministri u l-kapitli. Juri wkoll li, minkejja dan il-proċess ta' istituzzjonalizzazzjoni, San Franġisk kien dejjem preżenti fl-ispirtu tiegħu fost l-aħwa.

moħbija fil-qlub tal-oħrajn. Kien hemm ċertu wieħed mill-aħwa jismu Ricerio,[44] li kien ta' twelid nobbli, imma li kien jgħix ħajja aktar nobbli, kien iħobb lil Alla u jistmerr lilu nnifsu, kien jixtieq jaqla l-grazzja tal-missier imqaddes, għax kien jemmen li hu kien ikun jistħoqqlu l-grazzja divina jekk San Franġisk kien iħobbu b'imħabba intima, u kien jibża' li kienet taqa' fuqu l-korla ta' Alla jekk ma kienx jikseb dik l-imħabba. Tabilħaqq, hu kien ta' spiss jaħseb dwar dawn il-ħwejjeġ fil-ġewwieni ta' ruħu, imma ma kien juri lil ħadd bl-ebda mod il-ħsibijiet moħbija tiegħu. Hekk imħawwad fl-ispirtu, jum minnhom hu wasal fil-post li fih kien jgħix il-Qaddis ta' Alla. Dan kien fiċ-ċella jitlob u għaraf li kien wasal (fra Ricerio) u fehem li hu kien iħossu mħawwad f'ruħu. Għaldaqstant hu bagħat isejjaħlu mall-ewwel u qallu hekk: "Ibni, tħalli l-ebda tentazzjoni tħawdek, għaliex inti għażiż ħafna għalija u kun af li fost l-aħwa l-oħrajn inti se jkun jistħoqqlok l-imħabba u l-ħbiberija tiegħi." Dak imtela' bil-ferħ u fl-istess ħin baqa' mistagħġeb, u wara dan beda jkun mimli qima minħabba l-grazzja tal-missier imqaddes, u beda jwessa' qalbu b'fedeltà akbar fil-ħniena ta' Alla.

### Dwar il-ħarsien tal-faqar, dwar l-astinenza tal-ħajja tiegħu, dwar dak li kien jagħmel biex jitbaxxa quddiem l-oħrajn, dwar id-devozzjoni li l-popli kienu juru lejh u b'liema mod kien jgħallem lill-aħwa kif iqimu lis-saċerdoti u lid-dutturi tal-liġi divina

**27** Il-ħabib ta' Alla Franġisku kien jingħaqad bil-ħeġġa kollha mal-povertà qaddisa, billi kien jitwarrab ukoll minn dak li kien meħtieġ għalih biex ma jkunx imbuttat li jissoddisfa l-kilba għal kull xorta ta' ġid. Kien bilkemm jissapporti li fid-dar ikun hemm imqar reċipjent, sakemm mingħajru seta' b'xi mod jevita li jsir qaddej tal-ħtiġijiet l-aktar urġenti. Kien jgħarrex l-għemejjel tal-aħwa u jeżaminahom b'attenzjoni u ħerqa fl-impenn, ma kien iħalli xejn mingħajr kastig, u kien japplika x-xafra taċ-ċanfira tiegħu lil kull min kien jagħmel xi ħaġa li ma kienetx dritta.

[44] Ricerio mill-Marca ta' Ancona.

**28** Ġara li, jum minnhom, l-aħwa ta' ċertu eremitaġġ kienu ħejjew mejda fqira ħafna, imma b'attenzjoni akbar mis-soltu. Malli l-missier hieni raha, hu beda jilminta b'leħen għoli, u beda jgħid li dik il-mejda ma kienetx mejda tal-foqra, imma tal-għonja. Hu ħarab lejn rokna ta' dik id-dwejra, qagħad bilqiegħda fuq l-art, u mnikket bħallikieku kien barrani, beda jittallab il-karità.[45]

**29** Kien bil-ħniena jaċċetta li jiekol ikel imsajjar. Imma jekk kien jaċċettah, kien iħallat[46] miegħu l-irmied jew inkella jirvinalu t-togħma bl-ilma kiesaħ. Kien jixrob ftit inbid, u saħansitra ma kienx jixrob ilma biżżejjed. Kien iterraq fid-dinja *jxandar l-Evanġelju tas-saltna ta' Alla* (Mk 1,14), fid-djar tas-sekulari biex iħares dak li jgħid l-Evanġelju dwar il-laħam.[47] Meta hu kien jirċievi l-laħam, kien jiekol ftit, u kien ibiegħed minnu bil-moħbi l-kumplament biex hekk ma tiġix innutata d-differenza. Is-sodda tiegħu kienet l-art għerja li fuqha kien jimtedd liebes it-tonka. Ta' spiss kien jorqod bil-qiegħda u mhux mimdud fuq l-art, u kien iżomm biċċa injama jew ġebla taħt rasu.

**30** Ġara darba minnhom li hu kien magħkus sewwa mill-mard, u wara li kiel ftit laħam tat-tiġieġ u reġa' kiseb mill-ġdid il-forzi ta' ġismu, daħal f'Assisi. Malli wasal *qrib il-bieb tal-belt* (Lq 7,12), ordna lil wieħed mill-aħwa li jorbotlu ħabel ma' għonqu u li jkaxkru mat-toroq tal-belt kollha bħallikieku kien ħalliel, u li kellu jgħajjat bħallikieku bandu: "Araw, hawnhekk għandkom bniedem wikkiel li bil-moħbi mar jiekol il-laħam tat-tiġieġ!" Ħafna nies inġabru quddiem dik id-dehra

---

[45] Episodju oriġinali fil-VB, għax l-ewwel darba li niltaqgħu miegħu hu fil-CA 74 (FSF I, 674) u 2C 61 (FSF I, 780), li jambjentaw l-eposidju fl-eremitaġġ ta' Greccio, nhar il-Milied (jew fl-Għid il-Kbir).

[46] Il-verb Latin hu *conficiebat*, li għandu diversi tifsiriet: "kien iħallat", "kien iħejji", "kien jirvina" jew "ibiddel" (it-togħma), "kien jgħaffeġ", "kien jogħmod", "kien jaħbi". Is-sensi jirkbu wieħed fuq l-ieħor. Franġisku kien jogħmod ikel li qabel kien ikun ħallat miegħu l-irmied biex hekk itellfu t-togħma.

[47] Ir-riferiment evanġeliku hu għal Lq 10,8. Franġisku hekk jiddistingwi ruħu mill-Katari, li ma kienux jieklu laħam biex jgħidu li huma perfetti.

tal-għaġeb, u *wara li dan il-kliem li semgħu laqtilhom qalbhom* (Atti 2,37), bdew jgħidu li huma kienu msejkna.

**31** Kien ta' spiss iwettaq b'dan il-mod bosta ħwejjeġ, biex jistmerr b'mod perfett lilu nnifsu u jqanqal lill-oħrajn biex jistmerruh. *Fost it-tifħir tal-bnedemin* (Lq 4,15) hu kien iqis lilu nnifsu bniedem ta' bla ebda siwi, u kien ibiegħed minnu kull favur tal-bnedmin, hekk li kien isejjaħ lejh xi wieħed mill-aħwa u kien jikkmandah b'ubbidjenza biex jgħidlu kliem ta' ċanfira li kienet tistħoqqlu kontra l-favur li l-bnedmin kien juruh u t-tifħir mhux mistħoqq li kienu joffrulu. Dak sieħbu mbagħad, għalkemm kontra qalbu, kien jibda' jsejjaħlu bniedem rozz, merċenarju u bla siwi, filwaqt li dak il-bniedem mill-aktar qaddis kien ikun mimli ferħ, kien jitbissem u jwieġbu: *Ibierkek il-Mulej* (Num 6,24; S 128 (127),5), iben l-aktar għażiz, għaliex qiegħed tgħid ħwejjeġ mill-aktar veri u xieraq li l-iben ta' Pietro di Bernardone jistħoqqlu jismagħhom."

**32** Bir-rieda ta' Alla ta' kuljum kienet tikber il-fidi u d-devozzjoni tal-poplu, u kulħadd kien jiġri b'tant ħerqa li jarah li diversi drabi kienu jiġru lejh *kulħadd jgħaffeġ fuq xulxin* (Lq 12,1). Jekk xi ħadd seta' mqar imisslu *l-libsa tiegħu* (Mk 5,28), kien iqis lilu nnifsu hieni minħabba d-devozzjoni tal-għaġeb li kien iħoss. Tabilħaqq *id il-Mulej kienet miegħu* (Lq 1,66), u kienet tqanqal il-qlub tal-bnedmin għall-penitenza, hekk li darba minnhom mat-tletin raġel kollha flimkien u fl-istess post libsu t-tonka tar-reliġjon. Meta kien jidħol *fil-bliet u l-irħula* (Mt 9,35) kienu jdoqqu l-qniepen, il-poplu ta' spiss kien jilqgħu b'mod solenni, u kulħadd kien imur jiġri biex jilqgħu iġorru f'idejhom il-friegħi tas-siġar.

**33** Għax tassew, minħabba s-sinjali ta' qdusija tiegħu u l-għeġubijiet tal-mirakli kien iħawwad il-qerq tal-ereżija u kien jerfa' fil-għoli l-fidi kattolika. Lil kulħadd kien jgħallem biex iħares il-fidi tal-Knisja mqaddsa Rumana, u kien jafferma li fiha biss tinsab is-salvazzjoni ta' dawk li huma

mifdija.[48] Kien iħaddan b'affett straordinarju lis-saċerdoti, lid-dutturi tal-liġi divina u l-ordnijiet kollha ekkleżjastiċi, u kien jgħallem li huma għandhom ikunu miqjuma fuq il-bnedmin kollha.

**34** Il-popli kienu joffrulu l-ħobż biex ibierku, u wara li kienu jżommuh għal żmien twil, dan il-ħobż kien ifejjaq minn bosta xorta ta' mard lil dawk li kienu jduquh. Ħafna drabi, bl-ogħla fidi u bil-ħeġġa, kienu jaqtgħu biċċiet mit-tonka tiegħu sal-punt li kienu jħalluh għoddu għeri. Imma, sabiex il-ġisem bis-sensi tiegħu ma jisraqlux xi ħaġa mill-glorja minħabba dawn il-fatti, hu ma kienx iħabbel rasu milli jistqarr id-dnubiet tiegħu quddiem il-poplu. B'kull mod kien jaħrab mill-ammirazzjoni biex ma jaqax vittma tal-frugħa.

## Dwar kif ippriedka lill-għasafar, u b'liema mod l-annimali kienu jistkennu għandu u kienu jobduh u kif biddel l-ilma f'inbid

**35** Dan il-bniedem stħaqqlu jilħaq l-ogħla quċċata tal-perfezzjoni meta, mimli b'sempliċità ta' ħamiema, għaraf li l-għasafar, l-annimali u l-ħut kienu ta' spiss jobduh, kif turina l-esperjenza.[49]

**36** Ġara li, darba minnhom, kien għaddej mill-wied ta' Spoleto, u qorob lejn post qrib Bevagna, fejn kienet inġabret kotra kbira ta' għasafar ta' diversi speċi. Malli rahom il-qaddis ta' Alla, billi kien iħobb il-ħlejjaq kollha minħabba l-fatt li hu kellu mħabba partikulari lejn il-Ħallieq,[50]

[48] Din l-affermazzjoni hi eku tal-ewwel kostituzzjoni tal-Konċilju tal-Lateran IV tal-1215, in *Conciliorum oecumenicorum decreta*, ed. G. Alberigo, edizione bilingue, Bologna 2002, 230: "waħda hi l-Knisja universali tal-fidili, li barra minnha ħadd ma jista' bl-ebda mod ikun salvat."
[49] Din hi espressjoni oriġinali tal-VB, li mbagħad insibuha fil-L3C 7. Tindika l-ewwel darba li Tommaso da Celano jagħti attenzjoni partikulari għall-imħabba ta' S. Franġisk lejn il-ħlejjaq.
[50] Din ukoll hi espressjoni oriġinali tal-VB u turi eżattament il-motiv tal-imħabba li kien juri S. Franġisk lejn il-ħlejjaq, imħabba għal kollox Kristjana

mar jiġri ħafif lejn dak il-post u bħas-soltu sellmilhom bħallikieku kienu ħlejjaq mogħnija bir-raġuni. U billi l-għasafar ma tarux, hu mimli stagħġib, resaq lejhom. U beda jiġi u jmur f'nofshom, bit-tonka tiegħu beda jmissilhom rashom u l-iġsma tagħhom. Mimli ferħ u ammirazzjoni, beda bil-ħerqa kollha jwissihom biex jisimgħu l-kelma ta' Alla, u beda jgħidilhom: "L-aħwa tiegħi għasafar, intom għandkom tfaħħru ħafna lill-Ħallieq tagħkom u tħobbuh dejjem, għaliex Hu dak li libbiskom bir-rix, tagħkom il-ġwienaħ biex ittiru, u fost il-ħlejjaq kollha għamilkom ħielsa u offrielkom l-arja safja. *Intom la tiżirgħu u lanqas taħsdu* (Lq 12,24) u Hu jmexxikom mingħajr ma intom ma tieħdu ħsieb tagħkom infuskom." Għal dak il-kliem dawk l-għasafar bdew jaqbżu ħafna b'ġesti kif huma jafu jesprimu ruħhom, u bdew itawwlu għenuqhom, jifirxu l-ġwienaħ, jiftħu munqarhom u jduru lejh. Ma ċċaqilqux minn dak il-post sakemm, wara li hu immarkahom bis-sinjal tas-salib, tahom il-permess jitilqu bil-barka tiegħu. Imbagħad mar lura għand l-aħwa, u beda jakkuża lilu nnifsu bi traskuraġni għax fl-imgħoddi qatt ma kien ippriedka lill-għasafar. Għalqstant, minn dak il-jum, beda jħeġġeġ bil-ħerqa lill-għasafar, lill-annimali u wkoll lill-krejaturi insensibbli biex ifaħħru u juru mħabba lejn il-Ħallieq tagħhom.

**37** Darba oħra wasal fil-kastell[51] jismu Alviano, biex jippriedka. Wara li ġemgħa l-poplu u talbu jagħmel is-skiet, minħabba l-ħuttaf li kien ibejjet f'dak il-post u li kien qed jagħmel ħafna storbju, bil-ħniena seta' jinstema' jippriedka. Waqt li kulħadd kien qiegħed jisimgħu, u kellem lill-ħuttaf u qalilhom: "Ħuti ħuttaf, issa wasal il-ħin li nitkellem jien ukoll, għaliex intom sa issa għidtu biżżejjed. *Isimgħu l-kelma tal-Mulej* (Is 1,10), u żommu s-skiet sakemm *isseħħ il-kelma ta' Alla* (2Kron 36,21). Dawk il-ħuttaf, bħallikieku kienu mżejjna bir-raġuni,

---

u mibnija fuq il-fidi f'Alla ħallieq. Hekk nistgħu nifhmu s-sens veru ta' S. Franġisk patrun tal-ekoloġija (Ittra tal-Papa S. Ġwanni Pawlu ii, *Inter sanctos*, 29 ta' Novembru 1979, in *Acta Apostolicae Sedis*, LXXI [29 Decembris 1979] N. 16, 1509-1510).

[51] Il-kelma *castellum* bil-Latin tindika kastell fis-sens ta' raħal jew belt żgħira fortifikata u mdawwra bis-swar minn kullimkien, bħalma f'Malta għandna l-*Castellum Maris* tal-Birgu u l-Kastell ta' Għawdex.

siktu mall-ewwel u ma ċċaqilqux minn posthom, sakemm intemmet il-priedka. Dawk kollha li kienu qed jaraw, imtlew bil-għaġeb u bdew jagħtu glorja lil Alla.

**38** Il-bejjem selvaġġi, bħallikieku kellhom l-użu tar-raġuni, kienu juru jagħarfu l-affett tal-pjetà tal-imqaddes Franġisku. Tabilħaqq, meta kien jgħix qrib il-kastell ta' Greccio, darba minnhom wieħed mill-aħwa ġablu fenek selvaġġ li kien inqabad f'nassa. Imqanqal mill-ħniena quddiemu, ir-raġel mill-aktar qaddis beda jkellmu: "Ħija fenek, ejja għandi. Għaliex ħallejthom jaqbduk fin-nassa?" Dak mall-ewwel ħarab minn idejn dak li kien ġabu u mar jiġri jfittex il-kenn għand il-Qaddis u qagħad bla biża *fi ħdanu* (Lq 16,23), mingħajr ma ġiegħelu ħadd. Il-Qaddis beda jmellsu b'affett ta' omm, u tah il-permess jitlaq ħieles u jerġa' lura fil-bosk. Imma, kull darba li kien iniżżlu fl-art, dak kien dejjem jerġa' lura fi ħdan il-qaddis, sakemm fl-aħħar dan ordna lill-aħwa biex jeħduh lura fil-bosk li kien hemm fil-qrib. L-istess ħaġa ġrat fil-każ ta' fenek, li hu annimal selvaġġ, meta darba minnhom il-qaddis kien qiegħed jgħix fuq il-gżira tal-għadira ta' Perugia.[52]

**39** Hu kien jinġibed mill-istess affett ta' pjetà ukoll lejn il-ħut, hekk li meta kienu jinqabdu kien jerġa' jixħethom fl-ilma, u kien jordnalhom biex joqogħdu attenti biex ma jerġgħux jinqabdu. Darba minnhom, kien jinsab fuq dgħajsa fl-għadira ta' Rieti.[53] Wieħed sajjied kien qabad ħuta kbira, li n-nies isejħulha *tinca*,[54] u kollu qima offrieha lill-qaddis ta' Alla. Hu laqagħha bil-qalb kollha, sejħilha oħtu l-ħuta, u wara li berikha *f'isem il-Mulej* (S 123 (122),2), reġa' xeħetha fl-ilma. Waqt li l-qaddis baqa' għal ftit mumenti fit-talb, dik il-ħuta bdiet tilgħab fl-ilma qrib id-dgħajsa, u ma telqitx minn hemmhekk sa ma kisbet il-permess u l-barka tal-missier imqaddes.

---

[52] Lago di Trasimeno. Fl-1211 S. Franġisk kien qatta' Randan fuq l-Isola Maggiore skond il-*Fioretti* 7 (FSF II, 1593).

[53] Din hi l-għadira ta' Piediluco. Fi żmien S. Franġisk kienet ikbar milli hi llum, u wieħed kien jaqsamha fuq dgħajsa.

[54] *Tenca*, jew *Tinca*, ħuta tal-ilma ħelu li tgħix fl-għadajjar f'diversi reġjuni fl-Ewropa.

**40** Il-missier glorjuż, waqt li kien fit-triq tal-ubbidjenza, sar ħabib ta' Kristu,[55] u waqt li kien jimxi u jħaddan il-madmad tal-ubbidjenza perfetta lejn Alla, fl-ubbidjenza li kienu juruh il-ħlejjaq qala' dinjità kbira quddiem Alla. Tabilħaqq hu biddel saħansitra *l-ilma f'inbid* (Ġw 2,9), meta darba minnhom kien jgħix fl-eremitaġġ ta' Sant'Urbano[56] fejn kien marid ħafna. Malli daq dak l-inbid fieq b'mod hekk ħafif li ħadd ma iddubita li dak kien miraklu divin. Hu tabilħaqq qaddis dak li l-ħlejjaq kien jobduh u li malli kien jagħmel l-iċken sinjal l-istess elementi kienu jbiddlu l-użu tagħhom f'xi ħaġa oħra.

## Dwar xi mirakli li hu wettaq meta kien ħaj

**41** Il-qaddis ta' Alla Franġisku kien jiddi bid-dawl tal-mirakli, u kellu l-grazzja tal-fejqan, li issa għaldaqstant sejrin nuru imma biss f'parti minnha, għaliex nittamaw li l-fatti l-oħrajn jirrakkontawhom b'mod aktar wiesgħa.[57] Fil-belt ta' Tuscania[58] kien hemm kavallier li laqa' lill-imqaddes Franġisku f'ospizju. Dan kellu *iben li ma kellux ħliefu* (Lq 7,12) u li kien zopp u dgħajjef f'ġismu kollu. Dan it-tifel, għalkemm kien diġà qabeż is-snin wara li infatam mill-ħalib ta' ommu,

[55] Din l-espressjoni ta' Franġisku, *Christi amicus*, hi oriġinali għall-VB.
[56] Dan hu eremitaġġ Franġiskan qrib Narni, provinċja ta' Terni, magħruf bħala Speco di Sant'Urbano, jew ukoll Speco di Narni.
[57] Din l-introduzzjoni hi kitba oriġinali ta' Tommaso da Celano, li x'aktarx li seta' jagħmel użu minn dokumentazzjoni ta' mirakli li x-xhieda kienu iddeponew quddiem il-kummissjoni inkarigata mill-Papa Girgor IX biex tipprepara l-atti tal-kanonizzazzjoni ta' S. Franġisk fl-1228. Celano jirrakkonta b'ordni l-mirakli li S. Franġisk għamel *in vita et post mortem*. Hawnhekk għandna ġabra ta' mirakli li seħħu meta S. Franġisk kien għadu ħaj. Wara r-rakkont storiku Celano jkompli l-VB b'lista ħafna itwal ta' mirakli l-qaddis wettaq wara l-mewt, l-aktar fuq il-qabar tiegħu kemm fil-knisja ta' San Giorgio (1228-1230), kif ukoll fil-Bażilika ta' S. Franġisk (wara l-1230). Għal raġuni ta' spazju u biex ma ninkludux rakkonti li jistgħu jkunu monotoni għall-qarrejja, għażilna li s-sezzjoni tal-mirakli *post mortem* inħalluha barra minn din it-traduzzjoni.
[58] Tuscania (li kien jisimha Toscanella), fil-provinċja ta' Vitbero, fil-Lazio.

xorta waħda kien għadu mixħut fil-benniena. Il-missier niżel bl-umiltà quddiem ir-riġlejn tar-raġel qaddis, u beda jitolbu bid-dmugħ biex jagħmel xi ħaġa ħalli ibnu jakkwista saħħtu. Franġisku, minkejja li kien jagħraf lilu nnifsu bħala li ma jistħoqqlux li jaqla' grazzja bħal dik, u beda jgħid li tassew hekk kien, intrebaħ bl-insistenza tat-talb (ta' dak il-kavallier), u wara li għadda xi ħin fit-talb, immarka lit-tifel bis-sinjal tas-salib u bierku. Dak mall-ewwel beda juri li kien jagħraf lill-persuni ta' madwaru wieħed, wieħed, u mimli ferħ qam fuq tiegħu b'saħħtu u beda jimxi 'l hawn u 'l hinn kif ried.

**42** Darba oħra, meta hu kien wasal qrib Narni, kien hemm raġel mill-istess belt, li kien jismu Pietro, u li kien *mifluġ, mixħut fuq il-friex* (Mt 9,2). Dan, meta sema' li l-qaddis ta' Alla kien ġej Narni, bagħat jitlob lill-isqof tal-belt biex jindenja li jibgħat għandu lill-qaddej ta' *Alla l-aktar Għoli* (Lq 8,28) biex ifejjqu. Hu ma kienx jista' jħaddem il-membri ta' ġismu, hekk li bil-ħniena kien jista' jħarrek ilsienu u għajnejh. L-imqaddes Franġisku resaq qrib tiegħu, u immarkah minn rasu sa saqajh bis-sinjal tas-salib, u wara li keċċa minnu kull ħażen, *reġġagħlu saħħtu* (Mt 12,13) lura bħal qabel.

**43** Billi kien hemm mara mill-istess belt li kienet milquta mill-għama f'għajnejha, l-imqaddes Franġisku immarkaha bis-sinjal tas-salib fuq għajnejha u dak il-ħin stess reġa' taha lura d-don li tara.

**44** Qrib Gubbio kien hemm mara li kellha idejha t-tnejn nexfin, u ma setgħet tagħmel xejn bihom. Meta hi saret taf li l-bniedem ta' Alla kien daħal fil-belt, kollha tbatija u mnikkta, resqet mall-ewwel tiġrilejh u b'wiċċ li jittallab il-ħniena bdiet turih idejha nexfin. Meta raha, imqanqal mill-pjetà, hu messilha jdejha u fejjaqha. Il-mara marret lura d-dar dak il-ħin stess, u kollha ferħana ħejjiet ftira tal-ġobon u ġabitha lir-raġel qaddis. Hu imbagħad, b'sens ta' devozzjoni lejn dik il-mara, ħa ftit minn dik il-ftira u kielha, u ordnalha li tmur tiekol il-kumplament mal-familja tagħha.

**45** Wieħed mill-aħwa kien imħabbat minn marda qalila, hekk li tant kien ikun imfarrak li l-membri ta' ġismu jkunu qishom iduru dawra tond. Tabilħaqq, xi mindaqqiet kien jintasab mal-art iebes stanga, jilwi saqajh sa ma jmissulu rasu, u kien jogħla 'l fuq f'għoli ta' raġel; imbagħad kien dlonk jistabat mal-art, *bir-ragħwa f'ħalqu* (Mk 9,20). Il-missier imqaddes kien jitħassru f'dik il-marda qalila tiegħu, u wara li talab fuqu, bis-sinjal tas-salib fejjqu hekk li minn dak il-ħin qatt aktar ma sofra taħbit mill-marda li kellu.

**46** Fil-kastell ta' San Gemini l-bniedem ta' Alla, waqt li kien *jippriedka u jxandar l-Evanġelju tas-saltna* (Lq 8,1) tas-smewwiet, daħal biex joqgħod għand wieħed tali li kien jibża' minn Alla, imma li martu, kif kulħadd kien jaf, *kienet maħkuma minn xitan* (Lq 13,16). Wara li dan ir-raġel talbu jfejjaqha, l-imqaddes Franġisku, billi kien jibża' mit-tifħir tal-bnedmin, ma ried bl-ebda mod li jagħmel dan. Imma wara li dak ir-raġel kien ħeġġu b'ħafna talb, hu bagħat lit-tliet aħwa li kienu miegħu jitolbu fit-tliet irkejjen tad-dar, filwaqt li hu mar jitlob fir-raba' rokna. Wara li temm it-talb, resaq bil-fiduċja lejn il-mara li kienet mgħawwġa ganċ b'mod li jġiblek ħniena, u ordna lid-demonju f'isem il-Mulej tagħna Ġesù Kristu biex joħroġ minnha. Mal-kmand tiegħu, id-demonju tbiegħed b'ħafna storbju u hekk bil-ġiri li r-raġel ta' Alla ħaseb li kien ġie mqarraq. Għal din ir-raġun i telaq minn dak il-post mimli bil-mistħija. Imma meta, darba oħra, hu kien għaddej mill-istess kastell, dik il-mara bdiet tgħajjat pubblikament fil-pjazza, u bdiet tiġri warajh u tbus il-marka ta' riġlejh, u titolbu biex ikellimha. Hu għaldaqstant, meta ntebaħ mill-folla li kien hemm li hi kienet tassew ġiet meħlusa, fl-aħħar aċċetta kontra qalbu li jkellimha, għax ħafna kienu dawk li bdew jitolbuh.

**47** Meta l-imqaddes Franġisku kien qrib Città di Castello, kien hemm mara *li kellha fiha xitan* (Lq 7,33) u din ħaduha fid-dar li fiha hu kien waqaf. *Hi baqgħet 'il barra* (Ġw 20,11) mid-dar, tgħażżeż snienha, u bdiet tagħmel għal kulħadd u tinbaħ qisha kelb. Kienu bosta dawk li bdew jitolbu bil-ħniena lill-qaddis ta' Alla biex jeħlisha, u bdew jilmintaw li kienu ilhom żmien twil jissapportu dak il-ġenn tagħha.

L-imqaddes Franġisku bagħat għandha lil sieħbu li kien miegħu, għax ried jara jekk kienx tassew ix-xitan jew inkella xi ingann ta' dik il-mara. Imma meta dik indunat li ma kienx l-imqaddes Franġisku, bdiet tgħajjru u tqisu bħallikieku xejn. Il-missier imqaddes sadanittant kien ġewwa jitlob. Wara li temm it-talb, ħareġ barra lejn dik il-mara. Billi hi ma felħitx tara l-preżenza tiegħu, bdiet titkagħweġ mal-art. Il-qaddis ta' Alla ordna b'ubbidjenza lid-demonju biex joħroġ minnha. Hu ħareġ dak il-ħin stess, u ħalla lil dik il-mara qawwija u sħiħa.

**48** Il-qaddej ta' Kristu kien jaħdem dawn is-sinjali u oħrajn bħalhom meta kien għadu ħaj fil-ġisem, imma – u din hi l-ħaġa li l-aktar għandha tgħaġġibna – il-Mulej kien jgħin lill-bnedmin minn diversi xorta ta' għawġ permezz ta' dawk il-ħwejjeġ li hu kien imiss b'idu.

**47** Mela, kien hemm mara mill-inħawi ta' Arezzo, li kienet tqila u, meta waslilha l-ħin tal-ħlas, kienet mikula minn uġiegħ li ma jitwemminx, u damet tbati l-uġieħ tal-ħlas għal diversi jiem. Ġara li dak iż-żmien l-imqaddes Franġisku kien sejjer lejn eremitaġġ,[59] u kienu qegħdin iġorruh fuq żiemel minħabba l-mard ta' ġismu.[60] Kulħadd kien qiegħed jistenna li hu kien se jgħaddi minn dak il-post fejn dik il-mara kienet titkagħweġ bl-uġiegħ tal-ħlas, imma billi hu kien diġà wasal fl-eremitaġġ, wieħed mill-aħwa reġa' lura għal dik il-belt biż-żiemel li fuqu kien qagħad il-qaddis. Imma meta n-nies ta' dak il-post intebħu li dak ma kienx San Franġisk, kienu kollhom imnikktin, u *bdew jistaqsu lil xulxin* (Lq 22,23) jekk setgħux isibu xi ħaġa li l-qaddis ta' Alla kien mess b'idejh stess. Fl-aħħar sabu r-riedni taż-żiemel li hu kien żamm f'idu, u għaldaqstant neħħew ir-riedni bil-ħeffa minn ħalq iż-żiemel. Malli dik il-mara ħasset ir-riedni li poġġewlha fuqha, tbiegħed minnha kull periklu, u welldet it-tarbija bil-ferħ u b'saħħitha.

[59] It-triq li minn Assisi tieħu lejn La Verna tgħaddi mill-inħawi ta' Arezzo. L-eremitaġġ li jissemma' hu dak ta' La Verna. Jista' jkun ukoll l-eremitaġġ ta' Celle di Cortona, fejn S. Franġisk waqaf meta kien marad sewwa fi Siena fl-1226 u kienu qed jeħduh lura lejn Assisi.
[60] Ir-*RegNB* 15 (FSF I, 174) u r-*RegB* 3,12 (FSF I, 148) jipprojbixxu lill-aħwa li jirkbu ż-żwiemel biex jivvjaġġaw, ħlief meta jkunu imġiegħlin mill-mard.

**50** Goffreduccio minn Città della Pieve kien *bniedem sewwa u kellu l-biża' ta' Alla* (Atti 10,2). Kien iżomm fid-dar il-kurdun li bih San Franġisk kien xi mindaqqiet jitħażżem. Ġara li f'dawk l-inħawi ħafna rġiel u numru mhux żgħir ta' nisa kien jsofru minn diversi mard u deni. Dan ir-raġel beda jżur id-djar tal-morda u kien iħallat is-suf ta' dak il-kurdun mal-ilma, u kien jagħtiha lill-morda biex jixorbuha. Hekk, bil-qawwa ta' Alla, malli huma kienu jduqu l-ilma kienu jerġgħu jiksbu is-saħħa b'mod perfett.

**51** Imma billi aħna iddeċidejna li nirrakkontaw mhux il-mirakli li ma jagħmlux bniedem qaddis,[61] imma pjuttost il-ħajja l-aktar safja tiegħu, għalissa nieqfu milli nitkellmu dwar il-mirakli, u nkomplu ninsġu l-għemejjel *tas-salvazzjoni ta' dejjem* (Lhud 5,9).

### Kif ħeles mill-periklu tal-mewt lill-baħrin meta kattar l-ikel, u dwar kif mar Spanja bix-xewqa tal-martirju, u fl-aħħar wasal għand is-sultan ta' Babilonja

**52** Fis-sena tal-konverżjoni tiegħu,[62] għaldaqstant, l-imqaddes Franġisku, kollu mħeġġeġ bix-xewqa tal-martirju, u biex jippriedka l-Evanġelju ta' Kristu lis-Saraċini, ried jaqsam il-baħar lejn l-art tas-Sirja.[63] Hu rikeb fuq ġifen biex imur lejn dawk l-inħawi, imma sab

[61] S. Girgor il-Kbir, *Homiliae in Evangelia*, 29, 4, ed. R. Étaix (Corpus Christianorum, Series latina 141), Turnhout 1999, 248; *Dialogi*, 1, 12 (PL 77, 213).

[62] 1211-1212.

[63] L-ewwel darba li niltaqgħu ma' riferiment għall-evanġelizzazzjoni tal-Musulmani hu fir-*RegNB* 16,2 (FSF I, 175) u fir-*RegB* 12 (FSF I, 157). Taħt l-isem ta' *Siria* (*Shâm* f'awturi Għarab), fil-medjuevu kienu jifhmu reġjun ħafna akbar mill-pajjiż attwali tas-Sirja, li kien jinkludi l-possedimenti Latini tal-Kruċjati fuq il-kosta tal-Palestina, u t-territorji attwali tal-Art Imqaddsa (Israel u l-Palestina), Libanu, Ġordanja u Sirja. F'kelma oħra, r-reġjun kien ekwivalenti għall-"Postjiet qaddisa". Għalkemm fl-1187 il-Kruċjati kienu tilfu l-Art Imqaddsa u Ġerusalemm, meta Saladin kien rebaħha minn idejhom,

ruħu fl-art ta' Slavonja[64] minħabba l-irjiħat kuntrarji. Hekk deluż f'dak li kien ippropona u xtaq li jagħmel, billi ma sab lil ħadd li kien se jbaħħar lejn ir-reġjun tas-Sirja, daħal bil-moħbi ma' wieħed minn sħabu fuq ġifen, li kien se jsalpa lejn il-port ta' Ancona,[65] għaliex il-baħħar ma riedux bl-ebda mod jeħduh magħhom fuq il-ġifen. Ġara li, bil-providenza divina, ġie wieħed raġel mhux magħruf, li ġab miegħu l-ħwejjeġ meħtieġa għall-ikel, u ħallihom f'idejn wieħed li kien jinsab fuq il-ġifen, biex dak jipprovdi l-ikel lill-qaddis ta' Alla u lil sieħbu. Hekk ġara li, minħabba li laħqithom tempesta twila fuq il-baħar, il-baħħara kielu l-provvisti kollha li kellhom. Imma bl-intervent divin l-ikel tal-imqaddes Franġisku beda jitkattar sal-punt li għal diversi ġranet kien biżżejjed biex jissoddisfa l-ħtieġa ta' kulħadd sa ma l-ġifen wasal Ancona. Meta raw dan il-baħħara li kienu ħelsu mill-perikli tal-mewt bil-ħila tal-qaddej ta' Alla, *raddew ħajr* (Mt 15,36) lit-tjieba tas-Salvatur.

**53** Il-qaddej ta' Alla ħalla warajh il-baħar, u beda miexi fuq l-art u beda jaħratha bil-kelma, *jiżra'* (Mt 13,3) ż-żerriegħa tal-ħajja, u jiġbor bħala frott l-erwieħ ta' bosta, li minn dak il-ħin bdew jimxu warajh bid-devozzjoni. Imma baqa' jaqbad fih il-proponiment għoli u x-xewqa tal-martirju u bl-ebda mod ma bired fih. Ġara li, wara ftit żmien, hu telaq għal għonq it-triq lejn il-Marokk biex jippriedka l-Evanġelju ta' Kristu lil Miramolino[66] u lil dawk li kienu jaqblu miegħu fit-twemmin.

---

huma baqgħu preżenti fil-port ta' Akri fuq il-kosta tal-Palestina. Fl-1217 S. Franġisk bagħat lil fra Elija flimkien ma' aħwa oħrajn lejn il-Provinċja tas-Sirja (jew Oltremare), u kien f'Akri li Elija laqa' lil S. Franġisk meta dan wasal fil-lvant fl-1219.

[64] Fi żmien S. Franġisk l-isem Slavonja kien jindika l-kosta tad-Dalmazja (illum fil-Kroazja) fuq ix-xaqliba orjentali tal-baħar Adrijatiku. Illum l-isem Slavonja jirreferi għal reġjun intern tal-Kroazja, qrib il-fruntiera mal-Ungerija u s-Serbja.

[65] S. Franġisk jipprova jmur lura fl-Italja billi jaqsam l-Adrijatiku mill-ġdid u jinżel Ancona.

[66] Il-kelma "Mirammamolino" jew "Miramolino" hi korruzzjoni medjevali tal-kelma Għarbija *emir al-moumenin* ("kmandant ta' dawk li jemmnu") u kienet tindika l-Kaliff Fatimida tal-Marokk Muhammad an-Nasir (1199-

Tassew, hu kien imbuttat minn xewqa hekk kbira li xi mindaqqiet kien iħalli *lil sieħbu fis-safar tiegħu* (2Kor 8,19) u kien iħaffef qablu biex iwettaq il-proponiment qaddis tiegħu, bħallikieku kien fis-sakra tal-ispirtu. Imma meta wasal fi Spanja, minħabba marda mill-aktar gravi tal-ġisem, il-Mulej reġa' sejjaħlu lura lejn l-Italja biex biex isalva lil ħafna.

**54** Meta hu reġa' lura lejn il-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, xi rġiel letterati u xi nobbli daħlu fl-Ordni.[67] Hu laqagħhom bil-ġieħ u d-dinjità, għaliex kien imżejjen b'dixxerniment partikulari, u kien jagħti lil kull wieħed dak li jkun ħaqqu.

**55** F'dak iż-żmien fra Giovanni Parenti daħal ukoll fl-Ordni, u minħabba r-raġuni tal-evidenza tal-qdusija tiegħu u tas-sinjali li wettaq wara sar ministru ġeneral tal-Ordni. Tassew, hu kien jgħallem lil kull membru tal-familja tiegħu reliġjuża kif jimxi wara Kristu, u sakemm dam ħaj, qatt ma mar kontra *l-iżgħar ittra jew tikka waħda* (Mt 5,18) tal-osservanza regolari tal-perfezzjoni evanġelika.[68]

---

1213) jew ibnu Yusuf al-Mustansir (1213-1223).

[67] Bosta studjużi jaraw f'din l-espressjoni riferiment għall-fatt li Tommaso da Celano, li kien bniedem letterat u x'aktarx ukoll nobbli, daħal fl-Ordni proprju f'din l-okkażjoni.

[68] Dan ir-riferiment għal Giovanni Parenti hu oriġinali tal-VB u hu l-unika darba li dan il-pesonaġġ jissemma fil-*corpus* aġjografiku Franġiskan. Giovanni Parenti kien ministru ġeneral tal-Ordni tal-patrijiet Minuri mill-1227 sal-1232, minkejja l-fatt li fil-kapitlu ġenerali tal-1230 fra Elija ipprova jieħu b'idejh l-uffiċċju ta' ministru ġeneral bla ma rnexxielu. Minn din l-informazzjoni nafu li Giovanni Parenti miet meta sar ministru ġeneral fra Elija (1232-1239). X'aktarx li miet fl-1232, u hekk l-Ordni seta' jeleġġi lil fra Elija waqt il-kapitlu ġenerali ta' Rieti. Ir-riferiment għall-"osservanza regolari" hu interessanti daqshekk kmieni fl-istorja tal-Ordni. Din l-espressjoni kellha tindika l-ħeġġa ta' diversi aħwa li, f'diversi sekli wara S. Franġisk, kienu jridu jħarsu r-Regola b'mod fidil kemm jista' jkun. Fis-seklu 14 din l-espressjoni bdiet tintuża biex tirreferi għall-akbar riforma tal-Ordni Franġiskan, dik tal-Osservanza Regolari.

**56** Minkejja dan, il-qaddis ta' Alla Franġisku ma setax joqgħod fil-paċi sakemm ma kienx wassal sat-tmiem b'mod mill-aktar imħeġġeġ il-proponiment imqaddes li kien għamel. Tabilħaqq, fit-tlittax-il sena mill-konverżjoni tiegħu,[69] hu telaq lejn l-artijiet tas-Sirja, filwaqt li ta' kuljum kienu qed iseħħu gwerer iebsin bejn l-Insara u s-Saraċini, qrib Damietta.[70] Hu stmerr il-periklu tal-mewt, u inxteħet fin-nasba tal-pagani. Hu, wara li sofra diversi swat u ġie mhedded b'ħafna tagħjir, xorta waħda ħeles minn dawk l-idejn kiefra u bla kont, u b'kuraġġ ta' sur irnexxielu jasal sa għand is-sultan. Min hu dak li hu kapaċi jirrakkonta b'mod suffiċjenti l-qawwa tal-ispirtu li biha hu waqaf quddiemu u b'liema qawwa tar-ruħ ħabbarlu lil Kristu? Is-sultan tqanqal mill-kliem tiegħu *u kien iħobb joqgħod jisimgħu* (Mk 6,20), u fittex li jurih ġieħ billi offielu ħafna rigali prezzjużi. Imma l-fatt li hu iddisprezza kollox bħallikieku kien demel wassal lill-infidili biex jistagħġbu u jammirawh b'mod differnti minn oħrajn. F'dawn il-ħwejjeġ kollha l-Mulej ma qatagħlux xewqtu, għax iddeċieda li jagħtih ġieħ aktar tard bil-glorja singolari tal-istimmati qaddisa tiegħu.[71]

---

69 Fl-1219.

70 Celano jirreferi għall-vjaġġ ta' S. Franġisk fil-Lvant fis-sena 1219, waqt li l-Ħames Kruċjata, immexxija mir-Re Jean de Brienne u l-Kardinal Legat Pelagius Galvan kienet qed tassedja l-belt ta' Damietta, fid-delta tax-xmara Nil, fl-Eġittu, kontra s-Sultan Ayyubid tal-Eġittu al-Malik al-Kamil (1218-1238). Franġisku telaq minn xi port tal-Adrijatiku f'Ġunju 1219, u wara li niżel l-art f'Akri fejn ġie milqugħ minn fra Elija, kompla triqtu lejn Damietta. Il-forzi Kristjani kienu attakkaw il-belt mid-9 ta' Mejju 1218 sad-29 ta' Awissu 1219, meta sofrew telfa kbira, li għaliha kien preżenti S. Franġisk. Kien wara din id-data li seħħ waqfien mill-ġlied sas-26 ta' Settembru 1219, u dan kien ix-xahar li fih x'aktarx Franġisku talab lill-Kardinal Legat permess biex jgħaddi fil-kamp tas-Saraċini flimkien ma' fra Illuminato, u iltaqa' mas-Sultan tal-Eġittu. Il-VB hi l-ewwel dokument li jsemmi l-belt ta' Damietta. Celano jkompli jiżviluppa din it-tema fit-2C 30 (FSF 750).

71 Ix-xewqa ta' S. Franġisk kienet li jsofri l-martirju. Ir-riferiment għad-don tal-istimmati hu proprju tal-VB.

## Dwar kif hu u jitlob f'postijiet imwarrba kellu jiġġieled kontra x-xitan, dwar ir-rieda qawwija tiegħu u l-mod kif kien jippriedka u dwar l-umiltà u l-ħniena li kien juri lejn il-foqra

**57** Il-qaddej ta' Alla Franġisku kien ifittex b'kull mod li jkun ħieles mill-ħwejjeġ kollha *li huma fid-dinja* (1Ġw 2,15), sabiex il-kalma tal-ispirtu tiegħu ma tkunx imħawwda, imqar għal waqt wieħed, mill-kuntatt mat-tħassib għall-ħwejjeġ tad-dinja. Hu kien sar insensibbli għal kull ħaġa li kienet tagħmel ħafna ħoss minn barra, u filwaqt li kien jiġbor is-sensi interjuri minn kull naħa, bil-qawwa tiegħu kollha, kien jingħata biss għal Alla. Għaldaqstant kien ta' spiss ifittex postijiet imwarrbin, fejn hu setaʼ jindirizza ruħu kollha kemm hi lejn Alla. Imma fl-istess ħin ma kienx għażżien, għaliex hu kien jiddeċiedi kif, fil-waqt opportun, jingħata għall-ħidma u jiddedika lilu nnifsu bil-ferħ għas-salvazzjoni tal-proxxmu. It-talb kien il-port żgur tiegħu. Hu kien dejjem mehdi fit-talb, ukoll meta ġismu kien ikun qed iwettaq xi għemil. Kien iħobb jgħaddi ljieli fit-talb fil-knejjes li jkunu f'postijiet imwarrba, li fihom ta' spiss kien ikollu jirbaħ ħafna xorta ta' biża', u ħafna taħbit li kien jibgħatlu x-xitan. Kontra tiegħu hu kien jissielet driegħ kontra driegħ kull meta kien jidhrilu taħt xbihat li jkexkxu. Hekk kien mgħallem b'mod aktar sħiħ f'dawn l-eżerċizzi spiritwali, u sar dejjem aktar qawwi fl-ispirtu, hekk li imsoqqi mit-tagħlim tas-sema, kien kapaċi jkun żgur li setaʼ jippriedka dwar is-safa tal-ispirtu. Kull meta ma kienx ikun ħaseb minn qabel dwar dak li kellu jgħid, kien jitkellem b'mod tal-għaġeb u li jmiss il-qlub; bil-maqlub, kull meta kien iħejji ruħu dwar minn qabel diversi drabi kien jinsa' dak li kellu jgħid. Hekk mingħajr mistħija hu kien jiġbor lill-popli u kien jistqarr fil-pubbliku l-ħtijiet tiegħu hekk li ma kienx iħawwdu l-fatt li l-oħrajn isiru jafu d-difetti tiegħu. Dan kien tassew għemil tal-għaġeb! Għaldaqstant, kien mall-ewwel jimtela b'tant elokwenza sal-punt li kien jikkonverti r-ruħ ta' dawk li kienu jisimgħuh biex jammirawh. Bl-istess qawwa tal-ispirtu, fil-fatt, kien jitkellem mal-ħafna kif ukoll mal-ftit.

**58** Tabilħaqq, hu mar jippriedka bil-qawwa ukoll quddiem il-kardinali u quddiem is-sinjur Papa Onorju.[72] Huma ammiraw ir-rieda soda tal-bniedem ta' Alla, u *billi dan il-kliem messilhom qalbhom* (Atti 2,37), huma għarfu li l-grazzja divina kienet niżlet bil-kotra fuqu.

**59** Minkejja li kien pront li jwissi lill-oħrajn, kien dejjem aktar lest li jħalli lilu nnifsu jiġi mwissi u ikkoreġut bil-ħajja tiegħu aktar milli bil-kelma. Ġara li, jum minnhom, hu kien qiegħed jinġarr fuq ħmar, u għadda qrib għalqa ta' wieħed bidwi li kien qed jaħdem f'dak il-post. Dak il-bidwi mar jiġri bil-ħeffa lejh, u beda jistaqsih b'insistenza jekk hu kienx fra Franġisku. Meta hu wieġbu: "Iva, jien hu," dak il-bidwi qallu: "Mela, ja ħija, ara li tkun tassew dak li n-nies jgħidu dwarek. Ħafna, infatti, jafdaw fik. Inħeġġek biex ma tkun qatt differenti minn dak li l-bnedmin jittamaw fik." Il-qaddis ta' Alla, meta sema' dawn il-kelmiet, għamel sforz u niżel mill-ħmar, u filwaqt li inxteħet għal tulu fl-art quddiem dak il-bidwi, beda jbuslu riġlejh, u beda *jroddlu ħajr* (Mt 15,36) talli kien indenja ruħu jwissih b'dak il-mod.

**60** Hu kien bniedem umli ħafna, u kien jgħix bħall-foqra l-oħrajn. Kien jaqsam magħhom ta' spiss it-tonka li kien ikun liebes u filwaqt li kien jilbisha bl-istess mod tal-foqra, kien ħafna drabi jsewwiha b'ħajt li kien jiġbed mill-qxur tas-siġar u tal-pjanti.[73] Ukoll meta kien jagħmel bard kbir, hu kien imur jittallab l-ilbies mingħand il-għonja, biex hekk meta jagħtuhomlu ma kienx ikun obbligat li jerġa' jagħtihomlhom lura,

---

[72] Onorju III kien Papa mit-18 ta' Lulju 1216 sal-mewt fit-18 ta' Marzu 1227.

[73] Din id-deskrizzjoni tat-tonka ta' Franġisku hu nota oriġinali tal-VB, u ma nsibuhiex fil-kumplament tal-*corpus* aġjografiku tal-ħajja ta' S. Franġisk. Il-konformità fiżika ta' Franġisku lejn il-foqra veri hi oġġett ta' insistenza mhux tas-soltu tal-VB. Nistgħu nispjegawha bħala reazzjoni għall-bini tal-kunventi kbar, għan-nuqqas ta' viġilanza tal-aħwa, l-aktar dawk li kienu fl-universitajiet, biex jgħixu bħall-foqra, għas-sostituzzjoni tal-faqar materjali bil-faqar spiritwali. Dawn l-episodji huma kollha sinjali ta' verità tal-fatti. It-tonka ta' Franġisku, li kienet tixbaħ l-ilbies tal-bdiewa u tal-ħaddiema tal-ġurnata, tikkorrispondi mal-istil ta' ħajja tal-ewwel aħwa li kienu jgħixu u jaħdmu mal-bdiewa fil-kampanja.

u mbagħad kien imur joffrihom lill-ewwel fqir li kien jiltaqa' miegħu waqt il-vjaġġi tiegħu.

**61** Tassew ħaġa tal-għaġeb! Meta kien għadu jgħix fis-seklu, mar Ruma bħal negozjant fost in-negozjanti.[74] Maġenb il-bażilika ta' San Pietru hu ra bilqiegħda, kif normalmente jiġri, bosta tallaba u persuni foqra. Hu ħass ħniena lejhom u ried jagħmel esperjenza tal-miżerja tagħhom,[75] biex jara jekk kienx kapaċi jiflaħ għal dak it-tip ta' kumpanija ta' nies foqra. Mingħajr ma ħalla lil sħabu jindunaw, hu neża' ħwejjġu u libes il-ħwejjeġ imqattgħin u jintnu ta' dawk il-miżeri. Imbagħad mar jintasab magħhom, u qagħad bilqiegħda, u wara li ttallab magħhom, qagħad jiekol mimli ferħ. Tabilħaqq, kien jgħid li qatt ma kien kiel ikel li paxxih daqshekk.

**62** Fil-verità, dak li jħobb il-virtù għamel li t-togħma tal-ġisem tkun ħelwa. Għaldaqstant kien jitnikket meta kien jara lil xi ħadd jagħmel azzjoni ħażina lil xi fqir. Għal din ir-raġuni, darba minnhom kien hemm wieħed mill-aħwa li qal kliem ta' ċanfir lil wieħed fqir b'dan il-mod: "Oqgħod attent għax x'aktarx inti bniedem għani li qiegħed tilgħabha ta' fqir." Meta Franġisku, patrijarka tal-fqajrin,[76] sema' dan il-kliem, tnikket bl-imrar u ikkoreġa bi kliem iebes lil dak li kien lissen dawk il-kelmiet, u ġiegħelu jinża' ħwejjġu quddiem dak ir-raġel fqir. Imbagħad hu niżel ibus ir-riġlejn ta' dak il-fqir, u talbu maħfra.[77]

---

[74] Interessanti din in-nota oriġinali tal-VB. Filwaqt li l-L3C 10 (FSF I, 546) tgħid li Franġisku kien "mar Ruma fuq pellegrinaġġ, kif tgħid ukoll 2C 8 (FSF I, 731), hawnhekk l-awtur juri li Franġisku kien mar Ruma għal skopijiet ta' negozju, flimkien ma' negozjanti oħrajn.

[75] L-espressjoni Latina hi tassew elokwenti: *volens miserias experiri*.

[76] L-espressjoni Latina *pauperum patriarcha* riferita għal Franġisku hu oriġinali għall-VB. Juża wkoll Julian minn Speyer, *Vita Sancti Francisci*, 45 (FSF I, 427), filwaqt li 1C 76 (FSF I, 268) issejjaħlu *pater pauperum*, "missier il-fqajrin."

[77] Skond il-CA 114 (FSF I, 717), dan l-episodju seħħ f'Rocca di Brizio, kastell fuq il-majjistral ta' Assisi, bejn Sterpeto u San Gregorio, fejn kien hemm wieħed mill-ewwel kunventi Franġiskani, bi knisja antika mżejna b'affreski ta' Giotto jew tal-iskola tal-Perugino.

Tabilħaqq, hu kien jgħid: "Min jisħet lill-foqra jkun qiegħed iweġġa' lil Kristu, li *ftaqar minħabba fina* (2Kor 8,9) f'din id-dinja." Għaldaqstant, kull meta kien jiltaqa' ma' foqra li kienu jġorru tagħbijiet ta' injam jew xi tagħbijiet oħrajn, kien ta' spiss jgħinhom u jerfa' dak it-toqol fuq spallejh, minkejja li hu kien daqshekk dgħajjef f'saħħtu.[78]

### Dwar l-imħabba li kien juri lejn il-ħlejjaq minħabba l-Ħallieq, dwar il-qima lejn l-isem tal-Mulej u dwar il-presepju fis-solennità u l-viżjoni marbuta magħha

**63** Il-bniedem ta' Alla kien ifur bi spirtu ta' mħabba, u kien juri sentimenti ta' pjetà mhux biss lejn il-bnedmin, imma wkoll lejn l-annimali li ma jitkellmux u selvaġġi, u lejn il-ħlejjaq l-oħrajn. B'liema affett kien iħobb in-nagħaġ u l-ħrief ċkejknin, minħabba l-grazzja tan-natura tagħhom hekk sempliċi u minħabba x-xebħ tagħhom mal-Mulej Ġesù li jitkellmu fuqha l-Kotba mqaddsa? Tabilħaqq, kien ta' spiss jeħlishom mill-idejn ta' dawk li riedu joqtluhom u kien iħallas il-prezz tagħhom biex hekk ma jkunux maqtulin, u jkun jista' jħallihom jgħixu. Ma kien isib l-ebda diffikultà li jħallas il-prezz li jitolbuh għalihom, għaliex dak li l-bnedmin kien jqisuh bħala għoli hu kien iqisu bla ebda siwi ta' xejn.

**64** Kien ineħħi d-dud ċkejken mit-triq, biex ma jiġix mgħaffeġ mir-riġlejn ta' dawk li jgħaddu minn fuqhom, u kien iħoss għalihom għaliex kien sema' jinqara dan il-kliem dwar is-Salvatur: *Jien dudu tal-art, u mhux bniedem* (S 22 (21),7). Lin-naħal, biex ma jmutux fil-bard, kien jara kif jagħmel biex isaħħnilhom il-guva, u kien jipprovdilhom għall-ikel l-għasel u inbid bnin.

**65** Tabilħaqq, min jista' jitkellem dwar il-ħlewwa li kienet tagħtih

[78] Din ix-xena ta' Franġisku li jerfa' t-tagħbijiet tal-foqra, li huma xbieha ta' Kristu, tfakkarna fil-fatt ta' Xmun minn Ċirene li jerfa' fuq spalltu s-salib ta' Ġesù.

gost meta kien jikkontempla l-għerf tal-Ħallieq fil-ħlejjaq, kif ukoll il-qawwa u t-tjieba tiegħu? Kien jimtela b'ferħ tal-għaġeb u li ma jitfissirx, meta kien iħares bi stagħġib lejn ix-xemx, il-qamar, il-kwiekeb u l-firxa tas-sema. Kien jippriedka lill-fjuri, lill-boskijiet, lis-siġar u lill-ġebel, bħallikieku kienu mżejnin bir-raġuni. Kien iwissi bis-safa mill-aktar sinċiera għall-imħabba divina lill-għelieqi u lid-dwieli, lil dak kollu li jikber sabiħ fl-għelieqi, lill-abbundanza tal-ilma tal-għejjun, lill-ħaxix iħaddar, lill-art u lin-nar, lill-arja u lir-riħ, u kien iħeġġiġhom biex jirrispettaw bil-ferħ (lill-Ħallieq). Fl-aħħarnett kien isejjaħ bl-isem ta' aħwa lill-ħlejjaq kollha, minħabba l-prinċipju uniku li minnu ħarġu.[79]

**66** Meta hu kien ilissen *l-isem tal-Mulej* (Dt 5,11; 2Tim 2,19) kien iħossu mqiegħed fi stat li jmur 'il hemm minn kull ma jistgħu jifhmu l-bnedmin u mimli bil-ferħ kien jidher bħallikieku bniedem ġej minn dinja oħra. Għaldaqstant, kulfejn kien isib xi kliem miktubin b'ismijiet divini jew umani mħollijin f'postijiet mhux xierqa, kien jiġborhom bil-qima kollha u jqiegħdhom f'post xieraq minħabba l-qima tiegħu lejn is-Salvatur. Tassew, meta wieħed mill-aħwa staqsieh għaliex hu kien jiġbor saħansitra l-kliem tal-pagani, hu kien wieġbu hekk: "Ibni, hawnhekk wieħed jista' jsib ittri li bihom wieħed jista' jikkomponi l-isem tal-Mulej. It-tajjeb ta' dawn il-kliem ma għandux x'jaqsam mal-pagani, imma ma' Alla waħdu, li minnu tiġi kull ħaġa tajba." Għaldaqstant kien jimmedita b'applikazzjoni mill-aktar għolja u b'ħeġġa l-kliem u l-għemejjel tal-Mulej, u b'mod partikulari hu kien jixtieq bil-ħerqa kollha li jfakkar lilu nnifsu dwar xi rappreżentazzjoni minn dawk li jirrakkontaw fatti dwar Kristu fil-volumi mqaddsa tal-

[79] Din id-deskrizzjoni hi eku tal-*Għanja tal-ħlejjaq* (*Canticum fratris solis*) ta' S. Franġisk. Il-fatt li jissemma Alla bħala l-uniku prinċipju tal-ħolqien hu x'aktarx tifkira tat-tagħlim tal-Konċilju Lateran IV (1215) li iddikjara li t-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa huma l-uniku bidu u oriġini ta' kull ma hu maħluq, tagħlim li kien jikkundanna l-ereżija tal-Katari, li kienu jqisu l-materja, u l-ħolqien kollu, bħala li oriġinaw minn prinċipju ħażin, filwaqt li l-anġli u l-ispirtu minn wieħed tajjeb. Għal S. Franġisk l-imħabba lejn il-ħlejjaq issib il-pedament tagħha fil-misteru tal-Inkarnazzjoni tal-Verb, Alla magħmul bniedem fil-persuna umana ta' Ġesù Kristu, mudell tajjeb tal-ħolqien kollu.

Evanġelju, minħabba l-imħabba hekk għolja li hu kien iħoss taqbad lejh fil-qiegħ ta' qalbu.

**67** Ġara, għaldaqstant, li waqt ċelebrazzjoni solenni tat-Twelid tal-Mulej li saret qrib Greccio,[80] hu ra kif għamel biex joħloq rappreżentazzjoni tat-tfulija tas-Salvatur fit-twelid tiegħu. Din hi ġrajja li jixirqilha li niftakruha bil-ferħ. Fl-istess lejl li fih twieled Kristu fuq l-art, hu ordna li tiġi mħejjija maxtura,[81] ried li fuq din il-maxtura jqiegħdu t-tiben, u jdaħħlu l-għoġol u l-ħmar maġenb il-maxtura.[82] L-aħwa ġew imsejħin biex jiġu minn diversi postijiet biex jiċċelebraw dik il-vġili solenni. Il-poplu inġabar bi ħġaru biex jara dak il-misteru ġdid u, filwaqt li żammew f'idejhom il-fjakkli u x-xemgħat, dawwlu l-lejl b'dawl jaqbad. L-aħwa kantaw it-tifħir xieraq lill-Mulej u t-tħabbira antika ta' Betleħem reġgħet iġġeddet bir-rit ġdid li ġie ċelebrat fi Greccio. Il-qaddis ta' Alla kien quddiem il-maxtura, bl-ispirtu merfugħ lejn is-sema, u jfur b'ferħ li ma jitfissirx. Saret iċ-

[80] Din kienet is-solennità tal-Milied, 25 ta' Diċembru 1223. Il-ġrajja seħħet f'għar fil-bosk qrib il-kastell ta' Greccio, fuq il-wied ta' Rieti, fejn hemm l-eremitaġġ Franġiskan li jfakkar din il-ġrajja.

[81] Il-kelma Latina *praesepium* tindika l-"maxtura", jew inkella l-"maqjel" jew "stalla" tal-bhejjem. Din il-kelma, li daħlet anke fil-Malti, bil-kelma "presepju", tindika r-rappreżentazzjoni sagra kollha tat-Twelid ta' Ġesù f'Betleħem. Imma fil-każ ta' S. Franġisk mhux eżatt li ngħidu li hu ħoloq l-ewwel presepju fis-sens ta' rappreżentazzjoni sagra. Dan it-tip ta' xeni kien diġà jeżisti fil-medjuevu. Dak li hu oriġinali f'S. Franġisk hu li ħoloq din ir-rappreżentazzjoni sagra (maxtura, tiben, għoġol u ħmar) fil-kuntest ta' ċelebrazzjoni liturġika, partikolarment f'dak tal-Quddiesa tal-lejl tal-Milied.

[82] Il-preżenza tal-għoġol u tal-ħmar ma tissemmiex fir-rakkont ta' S. Luqa dwar it-twelid ta' Ġesù, imma hi preżenti fit-tradizzjoni Kristjana mis-seklu 4. Hi tradizzjoni li tgħid li, fit-twelid ta' Ġesù, fl-istalla kien hemm l-għoġol u l-ħmar li fuqu Marija ivvjaġġat biex tiġi Betleħem ħa twelled il-Feddej. Din it-tradizzjoni hi mibnija fuq interpretazzjoni allegorika tal-profezija ta' Isaija 1,3: "L-għoġol jagħraf lil sidu, u l-ħmar il-maxtura ta' sidu; imma Israel ma jagħrafx, il-poplu tiegħi ma jifhimx", jew ukoll tal-kliem ta' Ġesù f'Lq 13,15: "Mhux kull wieħed minnkom f'jum is-Sibt iħoll il-barri jew il-ħmar tiegħu mill-maxtura u jieħdu biex jisqih?"

ċelebrazzjoni tas-solennità tal-quddiesa fuq il-maxtura u s-saċerdot ħassu jgawdi konsolazzjoni ġdida.

**68** Il-qaddis ta' Alla kien liebes il-paramenti ta' levita,[83] għaliex kien djaknu, u kanta b'leħen għoli l-Evanġelju mqaddes. Hu kien ilissen kliem ħelu daqs l-għasel dwar it-twelid tar-Re fqajjar u dwar il-belt ċkejkna ta' Betleħem. Tabilħaqq, kull meta ried itenni l-isem ta' Ġesù, imqanqal mill-imħabba bla tarf li kienet tħeġġeġ fih, kien isemmi lil dak it-tfajjel ta' Betleħem qisu kien qiegħed itemtem.[84] Hemmhekk tkattru d-doni ta' Dak li jista' kollox, u wieħed raġel ta' virtù kellu viżjoni tal-għaġeb.[85] Hu kien qiegħed jara li f'dik l-istess maxtura kien hemm mimdud tfajjel ċkejken donnu bla ħajja. Il-qaddis ta' Alla resaq lejh u qajjmu bil-ħeffa minn dik li kienet donnha nagħsa fonda. Tabilħaqq, għal dak li jimmedita t-tfulija ta' Kristu deher dak it-tfajjel tarbija, għaliex permezz tal-qaddej tiegħu hu tqajjem u treġġa' lura fit-tifkira ta' bosta, li *kienu ħallewh minsi* (S 31 (30),13) fil-qlub tagħhom.

**69** Meta ntemmet is-solennità u n-nies kollha marru lura għal xogħolhom, huma ħadu ħsieb iżommu t-tiben ta' dik il-maxtura, li permezz tiegħu bdew jinħelsu l-annimali li kienu morda, kif ukoll nisa u rġiel, bl-azzjoni tal-grazzja divina, ifiequ mill-mard tagħhom. Wara, fil-post tal-maxtura, ġie ikkonsagrat *tempju lill-Mulej* (1Slat 8,63) għall-ġieħ u l-qima tal-wisq imqaddes missier Franġisku, u fih hemm altar ikkonsagrat flimkien ma' knisja fuq il-maxtura.

---

[83] Il-fatt li S. Franġisk kien liebes id-dalmatika tad-djakni waqt il-liturġija ta' Greccio jista' jindika li hu kien, effettivament, djaknu kif isostni Celano. Nafu, iżda, li d-dalmatika kienet tintlibes ukoll minn superjuri reliġjużi mhux kjeriċi b'sinjal ta' dinjità fil-monasteri, u li kienu wkoll ikantaw l-Evanġelju. Ma jidhirx li l-iskop ta' Celano hu dak li jidħol fil-kwestjoni dwar jekk S. Franġisk kienx effettivament djaknu ordnat, jew inkella kienx liebes u jiffunzjona ta' djaknu waqt il-quddiesa.

[84] 1C 86 (FSF I, 277) tgħid li Franġisku kien ilissen l-isem ta' Ġesù qisu "leħen ta' nagħġa tgħajjat."

[85] Dan hu riferimenti għan-nobbli Giovanni ta' Greccio msemmi f'1C 84 (FSF I, 2275)

## Dwar il-ftuħ tal-ktieb, dwar id-dehra tas-serafin u l-istimmati ta' Kristu li dehru fih

**70** B'dawn l-għemejjel intemmet it-tmintax-il sena mill-konverżjoni tiegħu.[86] F'dak iż-żmien, dan il-bniedem l-aktar qaddis ħalla l-istorbju tad-dinja u terraq lejn post ta' ħemda u daħal fis-sigriet tas-solitudni. Kienet drawwa tiegħu li jaqsam il-ħin, kif kien meħtieġ, u jqatta' parti minnu biex jirbaħ lill-proxxmu, filwaqt li juża l-kumplament fis-solitudni tal-kontemplazzjoni hienja. Ħa miegħu xi wħud minn sħabu, li kienu jiddefendu u jħarsu l-kwiet tiegħu minn kull taħbit u tħassib.[87] Billi hu baqa' hemmhekk għal xi żmien u wasal biex igawdi b'mod li ma jitfissirx il-familjarità divina mat-talb bla jaqta' u l-kontemplazzjoni ta' spiss, hu kien jixtieq isir jaf fil-ġewwieni tiegħu dak li hu seta' joffri lill-Mulej biex ikun jogħġbu u biex joffri sagrifiċċju tiegħu nnifsu. Hu kien jixxennaq b'mod mill-aktar qaddis biex isir jaf kif hu seta' jingħaqad b'mod aktar perfett għar-rieda ta' Alla.

**71** Billi hu kien jingħaqad bil-ħeġġa ta' kuljum ma' din ix-xewqa, jum minnhom fl-eremitaġġ li fih kien jinsab, resaq kollu devot lejn l-altar, li fuqu kien imqiegħed bil-qima kollha il-ktieb tal-Evanġelji. Hekk mixħut għal tulu fit-talb, b'ħafna devozzjoni u qima, beda jitlob lill-Mulej biex malli jiftaħ dak il-ktieb għall-ewwel darba, Hu jogħġbu jurih ir-rieda tiegħu.[88] Għaldaqstant, b'wiċċu maħsul bid-dmugħ, *qam*

[86] 1224.

[87] Din id-deskrizzjoni, li x'aktarx tirreferi diġà għaż-żmien li Franġisku għadda fuq La Verna, tfakkarna fir-*Regola* li S. Franġisk kiteb għal dawk l-aħwa li jgħixu fl-eremitaġġi (*Regula pro eremitoriis data*).

[88] Dan il-ġest kien drawwa antika li kienet tissejjaħ *sortes biblicae*, jiġifieri li wieħed jiftaħ il-Bibbja kif jiġi biex jagħraf ir-rieda divina malli jaqra dak li jaqa' taħt għajnejh. S. Franġisk mhux l-ewwel darba li inqeda b'din id-drawwa, bħalma għamel fil-knisja ta' S. Nicolò *ad pedem plateam* flimkien ma' Bernardo da Quintavalle, meta fetaħ il-Missal għal tliet darbiet biex ifittex ir-rieda ta' Kristu għalih u għal sieħbu. Għalkemm kien hemm il-periklu li dan l-għemil ikun att ta' superstizzjoni, u fil-fatt kien jiġi ikkundannat mill-Knisja, Celano jinsisti li S. Franġisk, kull darba li wettqu, kien qabel dam jitlob għal żmien twil.

*mit-talb* (Lq 22,45), u wara li arma lilu nnifsu bis-sinjal tas-salib, ħa l-ktieb mill-altar u, wara li żammu bil-biża', fetħu. Malli għamel hekk iltaqa' mall-ewwel mal-passjoni tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Biex ma jkunx hemm il-periklu li dan seta' ġara b'kumbinazzjoni, reġa' fetaħ il-ktieb għat-tieni u għat-tielet darba u kull darba reġa' ltaqa' mal-istess kitba jew waħda tixbaħha. Il-kavallier kuraġġuż ta' Kristu ma tħawwadx għal dan kollu, u ma tilifx il-kuraġġ, għaliex hu kien martri ħafna akbar fix-xewqa.[89] Għaldaqstant hu baqa' deċiż u mimli ferħ, u filwaqt li beda jtenni dejjem il-kantiċi tal-ferħ bil-fomm u bil-qalb, ftit taż-żmien wara ġie mferraħ bir-rivelazzjoni ta' misteri akbar u ġie mogħni bi grazzja aħjar.

**72** Ġara li, sentejn qabel ma radd lura l-ispirtu tiegħu fis-sema, fl-eremitaġġ imsejjaħ Alverna,[90] il-ħabib ta' Alla[91] Franġisku *ra waqt viżjoni serafin* fl-arja, li kellu *sitt ġwienaħ*, li kien jittajjar fuqu, u li kien imsammar ma' salib f'idejh u f'*riġlejh. Żewġ ġwienaħ* kienu jogħlew fuq rasu, *tnejn* kienu mifruxin biex *jittajjru*, u fl-aħħarnett *tnejn kienu jgħattu* (Dan 8,2; Is 6,2) l-ġisem kollu. Il-bniedem qaddis, meta ra dan, beda jistagħġeb ħafna, imma billi ma kienx jaf x'riedet tfissirlu dik il-viżjoni, hu beda jħoss li fuq qalbu beda jagħfas daqqa l-ferħ u daqqa n-niket. Hu kien jifraħ għall-ħarsa ħelwa li biha kien qiegħed jiffissah is-serafin, li s-sbuħija tiegħu ma setgħetx tiġi mfissra jew stmata, imma fl-istess ħin kien jitnikket meta jarah imsammar mas-salib. Ħafna ħsibijiet bdew jiġru f'moħħu biex jifhem x'setgħet tindika dik il-viżjoni u biex jifhem it-tifsira tagħha, u *ruħu bdiet tinfena ġewwa fih* (S 143 (142),4). Madankollu hu ma seta' jifhem xejn b'mod ċar dwar dik il-viżjoni, sakemm fih innifsu hu ma wasalx biex jintebaħ b'dak il-miraklu l-aktar glorjuż li qatt ma ssemma fis-sekli ta' qabel.

**73** Dak il-ħin stess bdew jidhru f'idejh u f'riġlejh is-sinjali tal-

[89] Tommaso da Celano forsi qed iqabbel lil S. Franġisk ma' S. Martin, kif ipinġih Sulpicio Severo, *Lettera* 3, 13, fil-*Vita S. Martini*, 340.
[90] La Verna, fuq il-ġenb tal-muntanja Penna, fit-Toscana. Is-sena kienet 1224, sentejn qabel ma miet Franġisku.
[91] Dan l-isem ta' Franġisku bħala *amicus Dei* hu nota oriġinali tal-VB.

imsiemer, fl-istess mod li ftit qabel kien rahom fil-għoli, fid-dehra tar-raġel imsallab.[92] Idejh u riġlejh dehru mtaqqbin fin-nofs, u fuqhom dehru l-irjus *tal-imsiemer* fil-parti interna tal-*idejn* u f'dik ta' fuq tar-riġlejn, filwaqt li l-ponot tagħhom kienu joħorġu *fuq il-ġenb* (Ġw 10,25) l-ieħor. Dawk is-sinjali kienu, fil-fatt, tondi fil-parti ġewwenija tal-idejn, filwaqt li minn barra dehru imtawwlin qishom bil-laħam li kiber magħhom, kif ukoll dehret il-quċċata tal-imsiemer li kienet imdawwra 'l ġewwa fuqha nnifsha u li kienet tispikka fuq il-kumplament tal-laħam. Hekk ukoll f'riġlejh kienu stampati s-sinjali tal-imsiemer li kienu jogħlew fuq il-laħam ta' madwarhom. Fuq il-ġenb tal-lemin ukoll kien jidher bħallikieku kien ġie minfud b'lanza, u kellu ferita li ta' spiss kienet tnixxi d-demm hekk li t-tonka u l-ħwejjeġ ta' taħt kienu bosta drabi jiċċappsu b'dak id-demm imqaddes.

**74** Għaldaqstant, bit-tiżjin ta' dawk il-ġahwar il-bniedem ta' Alla kien jingħata b'ruħu u ġismu b'kura kbira biex iħares fil-moħbi dak it-teżor mill-aktar prezzjuż mill-għajnejn ta' kull min jgħix, sabiex, minħabba xi okkażjoni ta' xi familjarità ma jiġrix li *jsewwed qalbu* (2Kor 7,9) minħabba *grazzja* hekk kbira *li tah Alla* (Rum 12,3). Għal din ir-raġuni kien iżomm dejjem *f'qalbu* (S 14 (13),1) u fuq fommu kien dejjem isemma dawn il-kliem profetiċi: *Jien żammejt kelmtek f'qalbi, biex ma nidneb qatt kontrik* (S 119 (118),11). Imma minkejja li bosta kienu raw is-sinjali tal-idejn u tar-riġlejn, meta l-ħabib il-Kurċifiss[93] kien jgħix fil-ġisem, ħadd ma seta' jara l-ferita prezzjuża tal-kustat, jekk mhux fra Elija,[94] li darba minnhom, minħabba l-imħabba

---

[92] Skond Tommaso da Celano kienet dik il-viżjoni tar-raġel imsallab taħt forma ta' serafin li ġiet donnha stampata fil-qalb ta' Franġisku u li, minn ġewwa, bdiet tipproduċi d-dehra tal-istimmati.

[93] L-espressjoni ta' Franġisku bħala *Crucifixi amicus* hi oriġnali għall-VB.

[94] Dan ir-riferiment għal fra Elija, preżenti wkoll f'1C 95 (FSF I, 286), jagħti importanza partikulari lill-vigarju ta' S. Franġisk. Jidher li l-*Ittra Enċiklika ta' fra Elija dwar il-mewt ta' S. Franġisk* (FSF II, 441-444), li hi l-ewwel dokument li jħabbar il-miraklu tal-istimmati, hi l-fonti ewlenija ta' Tommaso da Celano f'dan it-test, għalkemm filwaqt li Elija jitkellem minn toqob tal-imsiemer fl-istimmati ta' S. Franġisk, Celano jitkellem minn imsiemer tal-laħam.

partikulari li l-qaddis kellu lejh,[95] libes it-tonka tiegħu u tah tiegħu biex jilbisha. Hekk, permezz ta' ingann qaddis li uża bl-intelliġenza tiegħu, hu rnexxielu jakkwista dak li xtaq.[96] Fra Rufino[97] mbagħad, li kellu l-permess li jħokklu ġismu, *mess b'idejh* (1Ġw 1,1) b'mod veru imma bil-ħatfa dik il-ferita. Malli messielu l-Qaddis ta' Alla sofra tbatija mhux ċkejkna, u filwaqt li warrablu *idu* minnu, beda jgħajjat u jitlob biex *il-Mulej ikollu ħniena minnu* (Ġen 19,16).

### Dwar il-mard li sofra f'ġismu

**75** Matul dak l-istess żmien, il-ġisem tiegħu beda jiġi maħkum minn mard aktar qawwi mis-soltu. Imma fil-*ġisem dgħajjef l-ispirtu* (Mt 26,41) kien ifuħ bil-qdusija aktar malajr. Bilqiegħda fuq ħmar, għax ma setax jimxi bl-ebda mod, kien *idur ma' diversi artijiet* (Ġen 41,46), u kien ixerred ma' kullimkien *iż-żerriegħa tal-kelma ta' Alla* (Lq 8,11). L-ispirtu tiegħu kien jaħkem fuq il-ġisem, li kien isegwih bir-rieda kollha f'dak kollu li kien meħtieġ li jagħmel.

**76** B'dak il-vażett prezzjuż li fih kien moħbi dak it-teżor tas-sema, għalkemm kien imħabbat minn kull naħa, l-aħwa bdew jitolbu lill-missier imqaddes b'kull insistenza ta' talb biex jgħin lil dak ġismu bl-għajnuna tat-tobba. Imma hu, b'dak l-ispirtu nobbli tiegħu mdawwar lejn is-sema, kien jixtieq biss li *jintemm u jkun ma' Kristu* (Fil 1,23), u kien jiċħad mill-qiegħ ta' qalbu li jagħmel dan. Billi issa kienet laħqitu wkoll il-marda ta' għajnejh, fra Elija, li hu kien għażlu bħala omm

---

[95] Dan ir-riferiment għall-affett partikulari ta' Franġisku għal fra Elija hu element oriġinali tal-VB.

[96] Fra Elija jissemma biss fil-VB bħala dak li bidel it-tonka tiegħu ma' dik ta' S. Franġisk. Fit-2C 138 (FSF I, 853) jissemma biss "wieħed mill-aħwa."

[97] Rufino kien kuġin ta' S. Klara u kien ġej minn familja nobbli ta' Assisi. Hu daħal fil-fraternità wara l-vjaġġ ta' S. Franġisk u l-ewwel aħwa lejn Ruma. Flimkien ma' fra Leone u fra Angelo kien hu li iffirma l-*Ittra ta' Greccio* mibgħuta lill-ministru ġeneral Crescenzio da Iesi fil-11 ta' Awissu 1246, flimkien mal-*florilegium* tat-tifkiriet ta' sħab S. Franġisk.

għalih u bħala missier għall-aħwa l-oħrajn, mar għandu u b'argumenti tal-għaġeb ikkonvinċih li jippermetti li jkun ikkurat bil-mediċini. Il-missier imqaddes qagħad għalih bil-ħlewwa u, kif kien soltu jagħmel, wera fiduċja sħiħa fih.[98]

**77** Għaldaqstant hu mar fil-belt ta' Rieti bl-iskop li jikkura l-marda tiegħu, u ġie milqugħ bil-ġieħ mill-Kurja Rumana kollha kemm hi, għax f'dak iż-żmien kienet tinsab tgħix hemmhekk.[99] Imma b'familjarità kbira, is-sinjur Ugolino, isqof ta' Ostia,[100] ġie jilqgħu qabel l-oħrajn kollha biex jara li ma jkun jonqsu xejn. Dak il-bniedem mill-aktar qaddis, skond ir-rieda tas-sinjur Papa Onorju, (Franġisku) kien għażlu bħala sinjur u missier fuq il-familja reliġjuża kollha kemm hi.

**78** L-imqaddes missier kien ingħaqad miegħu miż-żmien li fih dak is-sinjur hieni kien legat fit-Toscana.[101] F'dak iż-żmien il-qaddis ta' Alla ried imur Franza, filwaqt li kien għad kellu biss ftit aħwa madwaru bħala sħabu. Imma dak is-sinjur, meta sar jaf b'dan il-vjaġġ, talbu jmur

[98] Celano juża kliem ta' tifħir għal fra Elija. Ma ninsewx li qed jikteb fi żmien li fih Elija kien għadu ma ġiex depost minn ministru ġeneral (qabel l-1239). Skond il-ħsieb ta' S. Franġisk il-maternità mhijiex biss sinjal ta' affett, imma pjuttost sinjal ta' kif wieħed jiggverna. Elija jiggverna lil Franġisku billi jieħu ħsiebu kif tagħmel omm.

[99] Il-Kurja Rumana kienet tinsab Rieti mit-23 ta' Ġunju 1225 sal-31 ta' Jannar 1226. Kien f'dan iż-żmien li fra Elija fittex wieħed mit-tobba papali li kienu Rieti biex jieħu hemmhekk lil Franġisku għall-kura.

[100] Il-kardinal Ugolino dei Conti di Segni, isqof ta' Ostia, kardinal protettur tal-Ordni, u mbagħad Papa Girgor IX (1227-1241). Skond 1C 99 (FSF I, 290): "L-imqaddes Franġisku kien għażel lil dan il-bniedem bħala missier u sid tar-reliġjon u tal-Ordni tal-aħwa fid-dinja kollha, wara li kien talbu l-Papa Onorju III."

[101] Il-kardinal Ugolino kien nominat Legat Pontifiċju fil-Lombardia u t-Toscana fit-23 ta' Jannar 1217, biex iġib il-paċi f'dawk il-bliet u jipprepara l-Kruċjata. Il-laqgħa tiegħu ma' Franġisku x'aktarx seħħet fis-sajf tal-1217. Dan ir-riferiment għal Ugolino fl-1225-1226 ifakkar lil Celano fil-mument li fih il-kardinal kien iltaqa' ma' Franġisku għall-ewwel darba, meta dan kien ried imur Franza u Ugolino talbu biex jerġa' lura fl-Italja.

lura għal proponiment aktar meħtieġ u f'saħħtu. Tabilħaqq, dan ġara bir-rieda divina, sabiex dan il-bniedem hekk qawwi seta' jieħu ħsieb tal-aħwa, minħabba li din id-dielja *ġdida* li kienet għadha kemm ġiet *imxettla* (S 144 (143),12) kellha tgħaddi minn ħafna taħbit minn dawk li kienu għassa għaliha u kienu jitħabtu biex iqaċċtuha u jaqilgħuha mill-għeruq. Dan is-sinjur imbierek keċċa lil dawn kollha bħala ħallelin u briganti, u xejjen il-proġetti ta' moħħhom.

**79** Għaldaqstant hu kien dejjem imħeġġeġ bil-ħeffa biex iħawwel ma' kullimkien ir-reliġjon qaddisa u jkabbar l-Ordni f'artijiet imbiegħda bil-fama ċara tiegħu. Hu kien jikkonforma ruħu mad-drawwiet tal-aħwa u kien jimpenja lilu nnifsu biex iġib ruħu bħal wieħed fost l-oħrajn, sakemm dan kien possibbli għalih. Għal din ir-raġuni l-missier imqaddes kien joqgħod b'kull mod għall-kelma tiegħu u kien iqimu b'affett straordinarju. Tabilħaqq, bl-*ispirtu* ta' Alla, li bih kien *mimli* (Atti 13,9), mhux biss kien iħabbar bil-kliem imma wkoll kien jurih minn qabel b'azzjonijiet diversi li hu kien għad isir Papa. Meta kien jiktiblu, kien isejjaħlu isqof tad-dinja kollha u kien ibierku b'tislijiet li qatt ma nstemgħu oħrajn bħalhom, għax kien jimmaġina fih il-glorja futura ta' dinjità hekk kbira.

**80** Ukoll rigward is-sinjur Rainaldo, li daħal wara bħala isqof ta' Ostia, meta dan kien għadu kjeriku u segretarju (tal-kardinal Ugolino), (Franġisku) kien jitolbu (lill-kardinal Ugolino) biex jagħmlu isqof u kien isejjaħ lil dan is-sinjur Rainaldo l-prijur tiegħu.[102]

---

[102] Din l-informazzjoni dwar il-kardinal Rainaldo, protettur futur tal-Ordni tal-patrijiet Minuri u futur Papa Alessandru IV, hi oriġinali għall-VB, u ma nsibuha mkien fil-*corpus* aġjografiku ta' S. Franġisk. Rainaldo di Jenne kien segretarju tal-kardinal Ugolino meta dan kien Legat fil-Lombardia fl-1221. Girgor IX għamlu kardinal djaknu ta' Sant'Eustachio fl-18 ta' Settembru 1227 u sar ukoll kardinal protettur tal-Ordni tal-patrijiet Minuri. Sar kardinal isqof ta' Ostia fil-21 ta' Ottubru 1232, u mbagħad sar Papa Alessandru IV fit-12 ta' Diċembru 1254. Miet fil-25 ta' Mejju 1261. Billi l-pronomi fil-frażi ta' Celano mhumiex ċari kellna nagħmlu traduzzjoni b'riferimenti interni biex wieħed jifhem għal min l-awtur qed jirreferi.

**81** Dak is-sinjur[103] kien imħeġġeġ b'imħabba li ma titfissirx quddiem il-bniedem qaddis. Kien ibuslu idejh, u kien jurih qima bħallikieku kien *appostlu ta' Kristu* (1Kor 1,1), wara li kien imil quddiemu il-bniedem ġewwieni tiegħu flimkien mal-bniedem ta' barra. Meta mbagħad ġie mgħolli għad-dinjit à apostolika, kien jagħti xhieda li hu qatt ma kien jinsab f'qagħda ta' taħwid tar-ruħ li ma għabitx minnu kull sħaba tal-ispirtu u treġġgħet u nfirxet fih il-kalma wara li kien jara jew jitkellem mal-missier imqaddes. Tabilħaqq, dan il-qaddej ta' Alla kien bil-qawwa jwissih biex jieħu ħsieb tiegħu innifsu, u hu stess kien juri ubbidjenza umli lejh. Imma issa l-marda li kellu f'għajnejh kienet tant kibret li, wara li kienet ħarqulu rasu f'diversi partijiet, taqqbulu l-vini, dilkuh b'ungwenti u tawh dlik għal għajnejh, xejn ma serva għall-fejqan tiegħu, anzi l-marda kienet dejjem taggrava ruħha. Din il-qagħda damet għal kważi sentejn,[104] u hu issapportiha b'kull sabar, u kien iħalli l-kura tal-marda tiegħu f'idejn erba' mill-aħwa, filwaqt li bl-ispirtu tiegħu kien dejjem idur lejn Alla.

**82** *Kien jaħraq b'xewqa hekk kbira* (Num 11,24) f'ġisem li kien għoddu mejjet u fil-membri għajjenin tiegħu biex jerġa' jaffronta battalji ġodda, u billi kien sar perfett bil-grazzja tal-virtujiet kollha, kien bil-ħniena jagħti kas ta' dak dak li jagħmel u kien iqisu bla ebda siwi. Kien jgħid: "L-aħwa, ejjew issa nibdew naqdu lil Alla, għaliex sa issa għamilna ftit." Kien irid mill-ġdid imur lura biex jaqdi lil-lebbrużi u kien jieqaf b'qawwa li ma tintrebaħx fil-proponiment ta' qdusija ġdida. Kien iwiegħed li jaħrab il-kumpanija tal-ħajja tal-bnedmin u li jmur jgħix f'postijiet imbiegħda. Kien tbiegħed b'mod profond mit-tħassib u l-inkwiet tat-tmexxija tal-aħwa, u kien jafferma li f'dak iż-żmien kien ta' periklu li wieħed ikollu l-qagħda ta' prelat, imma kien jirrikmanda lil kulħadd biex ikun fuq kollox sottomess.[105]

[103] Il-kardinal Ugolino, li dwaru titkellem il-VB 77-81.
[104] 1224-1226.
[105] Franġisku kien ċaħad għat-tmexxija tal-Ordni fil-kapitlu ta' S. Mikiel tad-29 ta' Settembru 1220, u ħatar lil fra Pietro Cattanio bħala vigarju tiegħu. Meta Pietro miet fil-Porziuncola fl-10 ta' Marzu 1221, sar vigarju fra Elija.

**Dwar kif fra Elija wasslu marid kif kien minn Siena għal Assisi. Dwar il-barka li hu ta lil fra Elija, dwar it-tifħir li ried bil-qawwa li l-aħwa jkantaw u b'liema mod wieħed ra lil ruħu tielgħa lejn is-sema**

**83** Is-sitt xahar qabel il-jum tal-mewt tiegħu, meta kien jinsab fi Siena,[106] id-dgħufija tal-istonku bdiet tħabbtu aktar mill-marda ta' għajnejh, u filwaqt li ġismu kollu beda jnin b'mod aktar gravi missoltu, hu kien donnu wasal f'xifer il-mewt. Wasal bil-ħeffa kollha fra Elija għandu. Hu feraħ meta rah, u reġa' kiseb saħħtu u mar miegħu lejn Celle di Cortona. Imma hawnhekk il-marda reġgħet żdiedet, u għalhekk talab li jeħduh Assisi. Il-belt kollha ferħet mal-wasla tiegħu, u filwaqt li kollha kienu jittamaw li jaħbu dak it-teżor mill-aktar prezzjuż kien jifirħu lkoll flimkien. Sadanittant, billi l-marda kienet kibret, waqt li hu kien jinsab fil-palazz tal-isqof ta' Assisi,[107] telqitu għal kollox kull saħħa tal-ġisem, u billi tilef il-forzi kollha tiegħu beda jkun imħabbat bi tbatijiet krudili f'kull membru tal-ġisem tiegħu. Meta mbagħad staqsewh x'kien jaħseb dwar tant tbatija[108] li kien jissapporti f'ġismu, hu qal li kull xorta oħra ta' martirju kien ikun inqas doloruż minn dak li kien qed isofri. "Imma r-rieda ta' Alla – kien jgħid – tagħmel li kull ħaġa diffiċli ssir aktar ħafifa."

**84** Meta, imbagħad, beda jara li l-jum tal-mewt tiegħu kien qed

[106] F'April 1226 Franġisku kien jinsab fi Siena. Wara lejl ta' taqliba kerha li fiha kellu emorraġija fl-istonku, Franġisku iddetta t-*Testment ta' Siena*. Imma wara li stejqer fra Elija ġie għalih u ġarru lejn Celle di Cortona, eremitaġġ qrib Cortona, bejn Siena u Assisi. Fir-rakkont Celano jippreżenta b'mod pożittiv ħafna lil fra Elija bħala veru omm ta' Franġisku, li jidher li japprezza l-ġentilezzi tiegħu.

[107] Il-*vescovado*, jew palazz tal-isqof ta' Assisi, kien u għadu jinsab fi ħdan il-ħitan tal-belt, maġenb il-kattidrali l-antika ta' Santa Maria Maggiore. Kien hawnhekk li Franġisku marid ittieħed biex ikun fiż-żgur fil-belt u ma jinsteraqx ġismu jekk imut barra minn Assisi. L-isqof ta' Assisi kien Guido II (1208-1228).

[108] Il-kelma Latina *passio* (passjoni, tbatija), hi riferiment għall-passjoni ta' Kristu.

joqrob, kif kien sar jaf sentejn qabel minn fra Elija,[109] li lilu l-Mulej kien għoġbu jirrivelalu kif kellha tkun it-tmiem tal-ħajja tal-missier, hu *sejjaħ lejh* lill-aħwa u uliedu *li kien irid* (Mk 3,13), kif *ingħata lilu minn fuq* (Ġw 19,11), u kif kien darba għamel il-patrijarka Ġakobb (cfr. Ġen 49,1-27), hu berikhom wieħed wieħed. Billi fuq in-naħa tax-xellug tiegħu kien hemm fra Elija, filwaqt li uliedu l-oħrajn kienu kollha madwaru, hu sallab *idejh u qiegħed idu l-leminija fuq rasu* (Ġen 48,14).[110] Billi hu kien għoddu ma jistax jara iżjed bl-għajnejn esterni, qal: "Fuq min qiegħed inpoġġi idi l-leminija?" Weġbuh: "Fuq fra Elija." "U jien dan hu li rrid," qal u żied jgħid: "Lilek, ibni, inbierkek *fuq kulħadd u f'kulħadd* (Efes 4,6), għaliex int ġarrejt fuq spallejk il-piż tiegħi, u b'kuraġġ ta' raġel ilqajt li terfa' l-ħtiġijiet tal-aħwa. U kif l-Aktar Għoli għoġbu jkattarhom u jħarishom[111] meta kienu f'idejk, hekk issa

[109] 1C 109 (FSF I, 300): "Kienu għaddew għoxrin sena mill-konverżjoni tiegħu, u skond kif kien ġie mnebbaħ mir-rieda divina issa kien wasal iż-żmien tal-milja tal-ħajja tiegħu. Għax meta l-imqaddes missier kien jinsab Foligno flimkien ma' fra Elija, lejl minnhom meta Elija kien rieqed deherlu saċerdot wieqaf ħdejh, liebes paramenti bojod, li kellu bixra ta' bniedem ta' età ta' min iqimha u ta' serjetà kbira, u qallu: 'Ħija, qum u għid lil fra Franġisk, li issa għaddew tmintax-il sena minn meta ċaħad id-dinja biex jingħaqad ma' Kristu, u li fadallu biss sentejn oħrajn f'din il-ħajja."

[110] F'Ġenesi 48,14, Ġakobb sallab idejh fuq l-irjus taż-żewġ neputijiet – Manassi l-kbir u Efrajm iż-żgħir – u hekk ġedded il-barka "imsallba" li missieru Iżakk kien ta lilu, li kien iżgħar minn ħuh Għesaw (Ġen 27). Skond din il-preżentazzjoni biblika li jagħmel użu minnha Celano, Elija jinsab fuq ix-xellug ta' Franġisku, u għaldaqstant hu meqjus bħala ibnu ż-żgħir. Fil-fatt, Elija ma kienx wieħed mill-ewlenin aħwa, bħalma kien Bernardo da Quintavalle, li mbagħad aktar tard ġie eżaltat fil-bijografiji bħala l-preferut ta' S. Franġisk. Għalkemm Elija ma kienx parti mill-grupp li fl-1209 mar ma' S. Franġisk f'Ruma għand il-Papa, Celano jinsisti li Franġisku irriserva barka partikulari proprju lil Elija minħabba l-affett li kien jurih.

[111] Din l-insistenza fuq ir-rwol ta' Elija hi nota oriġinali tal-VB. Iż-żjieda tal-verb *conservavit* (ħarishom) ukoll hi oriġinali għall-VB. Biha Celano donnu jrid iqiegħed fuq fomm S. Franġisk profezija li hi antiċipazzjoni anakronistika, u li tirreferi għall-fatt li, wara li Elija ra jikber in-numru tal-aħwa fil-perjodu li fih kien vigarju ta' S. Franġisk (1221-1227), issa kellu jassumi l-kariga ta' ministru ġeneral bejn l-1232 u l-1239.

jien ukoll inberikhom fik. *Fis-smewwiet u fl-art* (S. 113 (112),6) *ibierkek il-Mulej* (Tob 9,9), sultan ta' kulħadd. Inbierkek kif nista' u aktar milli nista'. U dak li ma nistax nagħmel jien, jalla jagħmlu fik dak li jista' kollox. *Jiftakar Alla* (Dan 14,37) fil-ħidma tiegħek u fit-taħbit tiegħek, u jalla xortik tkun imħarsa *f'jum il-ħlas tat-tajbin* (Lhud 2,2). Jalla ssib kull barka li tixtieq u jalla jseħħ fik dak li inti titlob li jkun jistħoqqlok. O uliedi kollha kemm intom, jalla tibqgħu sħaħ *fil-biża' ta' Alla* (2Sam 23,3; 2Kron 19,9; Neħ 5,9) u tibqgħu fih dejjem. U billi *t-tentazzjoni u t-taħbit* (S 22 (21),12) tal-ġejjieni qed joqorbu, *ħenjin dawk li jibqgħu sħaħ sal-aħħar* (Mt 10,22) f'dak li huma bdew. Jiena, fil-fatt, issa qed inħaffef lejn il-Mulej, u nafda lil kulħadd fil-grazzja tiegħu."

**85** Wara dawn il-fatti hu ordna li jeħduh f'Santa Marija dal Porziuncola, biex hemmhekk irodd lura ruħu lill-Mulej fejn għall-ewwel darba kien għaraf b'mod perfett *it-triq tal-verità* (S 119 (118),30). Hu kien għamel esperjenza tal-fatt li dak il-post kien mimli bi grazzja aktar kotrana u kienu jżuruh ta' spiss l-ispirti tas-sema. Kien dejjem irid li dan il-post ikun imħares b'ġieħ mill-aħwa, minħabba l-fatt li *x-xitla l-ġdida* (S 144 (143),12) tar-reliġjon[112] kienet bdiet tikber l-ewwel f'dan il-post, u mbagħad xterrdet mal-art kollha.

**86** Għaldaqstant, wara li strieħ għal ftit ġranet f'dak il-post li xtaq imut fih, billi kien jaf li kien *qorob iż-żmien* (Lhud 9,9) li tilħqu l-mewt, sejjaħ lejh lil fra Angelo[113] u lil fra Leone[114], li kienu l-aktar

---

[112] *Religio* bil-Latin tirreferi għal familja reliġjuża.

[113] Angelo Tancredi, minn familja nobbli, kien jagħmel parti mill-grupp tal-ewwel aħwa li marru ma' Franġisku f'Ruma fl-1209. Kien wieħed mit-tlieta li iffirmaw l-*Ittra ta' Greccio* fl-1246.

[114] Leone daħal fil-fraternità lejn l-1215. Kien ordnat saċerdot, u sar il-konfessur u s-segretarju ta' Franġisku, kien jikteb ħafna mill-kitbiet li l-qaddis kien jiddetta. Lil Leone Franġisku indirizza ż-żewġ awtografi tiegħu, il-*Chartula* bil-*Barka lil fra Leone*, u l-*Ittra lil fra Leone*, illum imħarsin bħala relikwi fil-Bażilika ta' S. Franġisk u fil-Kattidral ta' Spoleto. Leone kien ukoll wieħed mit-tliet sħab li iffirmaw l-*Ittra ta' Greccio* fl-1246. Ħafna mit-tifkiriet tiegħu, imħarsin fir-rotoli tal-*Verba S. Francisci* u *Intentio S.*

għeżież għalih fost l-aħwa, u ordnalhom li jkantaw bil-qawwa t-tifħir lill-Mulej bi tħejjija għat-tluq tiegħu li issa kien fil-qrib. Hu nnifsu, kif seta', infexx itenni dan is-salm: *"B'leħen qawwi lill-Mulej insejjaħ, b'leħen qawwi lill-Mulej nitlob"* (S 142 (141),2). Imbagħad ordna mall-ewwel li jġibulu l-ktieb tal-Evanġelji, u talabhom jaqrawlu l-Evanġelju skond San Ġwann fil-punt li fih jibda bil-kliem: *"Sitt ijiem qabel il-festa tal-Għid"* (Ġw 12,1)[115]. U filwaqt li dar lejn wieħed mill-aħwa *li kien iħobb*, (Ġw 21,20; 13,23; 19,26; 21,17)[116] qallu: "Bierek min-naħa tiegħi lill-aħwa kollha, kemm dawk preżenti kif ukoll dawk li huma assenti, u għidilhom li jiena naħfrilhom il-ħtijiet u l-offiżi tagħhom u nassolvihom kif nista."

**87** Fl-aħħarnett, wara li talabhom imidduh fuq ċilizzju u jroxxuh bl-irmied, u filwaqt li uliedu l-aħwa kienu kollha madwaru jibku, dik ir-ruħ mill-aktar qaddisa nħallet mill-ġisem u intilfet fl-abbiss tad-dija u ġismu *raqad fil-Mulej* (Atti 7,60). Wieħed mid-dixxipli tiegħu, li kien magħruf mhux ftit għall-fama tiegħu,[117] ra r-ruħ tal-missier imqaddes, *bħal kewkba* li kellha l-kobor *tal-qamar* (Sir 50,6) u li kienet tisboq *id-dija tax-xemx* (1Kor 15,41), li kienet tinġarr *fuq ħafna ilmijiet* (S 29 (28),3) *minn sħaba bajda* (Apok 14,14), u li *kienet tiela' dritt lejn is-sema* (Ġoż 8,20).

**88** Imbagħad *kien ġew folol ta' nies biex ifaħħru u jigglorifikaw*

---

*Francisci*, jinsabu inklużi fil-*Compilatio Assisiensis*. Leone miet fit-13 ta' Novembru 1271. Il-fatt li jissemmew Angelo u Leone bħala dawk li kantaw l-*Għanja tal-ħlejjaq* lil S. Franġisk moribond hu nota oriġinali tal-VB.

[115] Il-pass tal-Evanġelju hu Ġw 12,1 imma fil-fatt Celano jrid jirreferi għal Ġw 13,1: "Qabel il-festa tal-Għid", il-pass li jintroduċi l-fatt tal-ħasil tar-riġlejn waqt l-aħħar ikla qabel il-passjoni.

[116] Ir-riferiment għall-aħħar ikla ta' Ġesù tfakkar il-mod kif S. Ġwann isejjaħ lilu nnifsu fir-raba' Evanġelju: id-dixxiplu "li Ġesù kien iħobb." Jidher li Celano jrid jidentifika tradizzjonalment dan id-dixxiplu ta' Franġisku ma' fra Elija.

[117] Skond Bernard da Besse, *Liber de Laudibus S. Francisci*, 1 (*Analecta Franciscana* III, 668 u FSF II, 1421) dan kien fra Giacomo di Assisi.

*l-isem tal-Mulej. Il-belt kollha* (Atti 21,30; Mik 5,7; S 86 (85),9; Lq 2,13; 2,20; Mt 8,34) ta' Assisi ġiet bi ħġarha u *mill-inħawi kollha* (Mt 3,5) bdew jiġru biex jaraw *l-għeġubijiet ta' Alla* (Atti 2,11), dak li l-Mulej b'mod glorjuż *kien wera* (Lq 2,15) fil-qaddej tiegħu. L-ulied kienu jitniehdu għax tilfu missier bħal dak, u kienu juru l-affett qaddis ta' qalbhom bid-dmugħ u l-ilfiq. Imma dak li kien ġdid f'dak il-miraklu *biddel* il-biki f'ferħ u *l-luttu* (Lam 5,15) f'hena ta' tifħir. Huma raw il-ġisem tal-missier imqaddes imżejjen *bl-istimmati ta' Kristu* (Gal 6,17). F'nofs idejh u riġlejh hu kellu, iżda, mhux it-toqob tal-imsiemer, imma l-istess imsiemer iffurmati mil-laħam tiegħu, li kienu kibru mill-istess laħam, filwaqt li żammew is-swidija tal-ħadid. Il-ġenb tal-lemin tiegħu kien iħammar bid-demm. Filwaqt li qabel, ġismu kien sewdieni b'mod naturali, issa beda jiddi b'dija tal-għaġeb, u kien diġà jwiegħed il-premju tal-qawmien hieni mill-imwiet. Fl-aħħarnett, il-membri ta' ġismu saru rotob u jiċċaqilqu, u mhux iebsin kif soltu jkunu l-membri tal-iġsma mejtin, u kienu donnhom mibdula fl-irtubija tal-età tat-tfulija. Uliedu kienu jibku *bil-ferħ* (Lam 5,15) tal-qalb u kienu jbusu s-sinjali tar-Re mill-aktar għoli li dehru fil-ġisem tal-missier. Hekk uliedu u l-aħwa sħabu, li inġabru flimkien ma' *kotra ta' poplu* (Eżek 27,33), għaddew dak il-lejl li fih il-missier imqaddes miet fit-tifħir lil Alla, hekk li bil-ħlewwa u l-ferħ u d-dija ta' dawk id-dwal kien jidher li dik kienet is-sahra tal-anġli.

**89** Meta mbagħad *sebħet il-għodwa*, il-folol *li kienu nġabru* (Ġw 21,4; Atti 2,6), *ħadu f'idejhom friegħi* ta' *żebbuġ* u *ta' siġar oħrajn* (Ġw 12,13; Mt 21,8), u żiedu l-fjakkli, *daqqew it-trombi* (Ġoż 6,20), u b'innijiet ta' tifħir ġarrew il-ġisem imqaddes lejn il-belt ta' Assisi. Filwaqt li uliedu kienu jerfgħu lill-missier twajjeb u waslu fil-post li fih hu kien fil-bidu ħawwel ir-reliġjon tas-Sorijiet Foqra, huma waqfu għal ftit ħin fil-knisja ta' San Damiano.[118] U filwaqt li fetħu t-tieqa li minnha dawk il-qaddejja ta' Kristu, *fil-ħin miftiehem* (2Sam 24,15) huma soltu jitqarbnu

[118] Mill-Porziuncola l-korteo funebri għadda mill-wita li hemm taħt il-belt ta' Assisi, billi segwa l-Via Francigena u minnha beda tielgħa mal-għolja li fuqha hemm il-knisja ta' San Damiano, barra mill-ħitan tal-belt ta' Assisi.

bis-sagrament tal-ġisem tal-Mulej,[119] ġiet l-ewwel waħda s-sinjura Klara, li kienet tassew tiddi fil-qdusija u fil-merti, u li kienet l-ewwel pjanta tal-Ordni qaddis tagħha,[120] flimkien ma' wliedha biex tara l-ġisem tal-missier l-aktar ħelu. Huma kienu jkattru t-tnehid u kienu jduru lejh b'ħafna dmugħ, u b'leħen kiebi kienu jgħidu fost in-niket: "Missier, missier, issa x'se nagħmlu? F'idejn min ħallejtna lilna l-imsejknin? Għaliex tħallina hekk deżolati? *Il-faraġ* kollu *tagħna* (2Kor 1,5) jgħib miegħek u ma jifdal l-ebda faraġ jixbħu lilna magħluqin ġewwa mis-seklu."[121] U hekk biesulu jdejh imżejjna bil-ġawhar prezzjuż u bil-perli l-aktar magħżulin (tal-istimmati) u ippruvaw iżommu lura l-ħafna biki tagħhom. Meta mbagħad ħaduh minn ħdejhom, *il-bieb ingħalaq* (Mt 25,10) għalihom u qatt aktar ma kellu jinfetaħ għal ġerħa hekk kbira.

**90** Fl-aħħarnett, meta waslu fil-belt, *b'ferħ* (Bar 3,35; 4,11; 5,9) kbir u *hena* (S 45 (44),16; 65 (64),13) *qiegħdu l-ġisem* (Mt 27,59-60) l-aktar qaddis fil-post qaddis.[122] F'dak il-post fejn ta' tifel ċkejken hu kien tgħallem għall-ewwel darba kif jikteb u jaqra, aktar tard kien

---

[119] Celano juża l-preżent biex jindika l-post li fih is-Sorijiet Foqra kienu jitqarbnu. Dan għaliex meta kiteb il-VB Klara u s-Sorijiet kienu għadhom jgħixu f'San Damiano. Kien biss fl-1260 li s-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ittrasferew lejn il-monasteru ta' Santa Klara fil-belt ta' Assisi, u tellgħu magħhom il-Kurċifiss ta' San Damiano li sallum għadu miqjum fil-kappella tal-ġenb tal-bażilika ta' Santa Klara, fil-post fejn kien hemm antikament il-knisja parrokkjali ta' San Giorgio.

[120] L-isem Klara jfisser "dik li tiddi bid-dawl" u dan il-logħob bit-termini kien ukoll it-titlu tal-Bolla ta' kanonizzazzjoni ta' S. Klara, *Clara, claris praeclara* (15 ta' Awissu 1255). L'*implantatio* tar-"reliġjon" tas-Sorijiet Foqra hi preżentata minn Celano bħala opra ta' S. Franġisk. L-isem *ordo* jesprimi grad ta' istituzzjonalizzazzjoni superjuri għal dak ta' *religio*. L-isem "Ordni ta' San Damiano" deher l-ewwel darba fl-1235 u ġie mogħti mill-Papa Girgor IX.

[121] L-espressjoni *reclusae a saeculo* tirreferi għall-fatt li s-Sorijiet Foqra kienu jgħixu fil-klawsura bogħod mid-dinja (*saeculum*).

[122] Il-ġisem ta' S. Franġisk indifen fl-4 ta' Ottubru 1226 fil-knisja ta' San Giorgio, li aktar tard ġiet inkluża fil-knisja ta' Santa Klara. S. Franġisk dam midfun f'San Giorgio sal-25 ta' Mejju 1230, meta fra Elija ġarr il-fdalijiet qaddisa fil-qabar taħt il-Bażilika ta' S. Franġisk, fejn għadu jinsab sallum.

ippriedka għall-ewwel darba, hekk li l-bidu mimli hena kellu jiġi warajh it-tmiem aktar hieni bil-kurunament ta' glorja aktar wiesgħa.

## Dwar iż-żmien tat-transitu u tal-kanonizzazzjoni tiegħu u dwar it-traslazzjoni tal-fdalijiet tiegħu

**91** Għaldaqstant fis-sena tal-inkarnazzjoni tal-Mulej 1226, fir-raba' jum tan-*nonae* ta' Ottubru, li kien il-Ħadd, wara li laħqu għaddew għoxrin sena minn meta ingħaqad perfettament ma' Kristu,[123] *u mexa fuq il-passi* (1Pt 2,21) tal-appostli, ir-raġel apostoliku Franġisku,[124] inħall mir-rabta tal-ġisem li jmut, u mar hieni għand Kristu. Hu indifen fil-post li semmejna, u beda jiddi ma' kullimkien b'ħafna mirakli varji u straordinarji, u fi żmien qasir wassal għall-ammirazzjoni parti kbira mid-dinja għas-seklu ġdid.

**92** Meta f'diversi reġjuni tad-donja sar famuż bid-dawl tal-mirakli u bdew jiġru għandu minn kullimkien dawk li kienu ferħanin li jiġu meħlusin mill-għawġ tagħhom bil-benefiċċju tiegħu, is-sinjur Papa Girgor, meta kien jinsab f'Perugia[125] flimkien mal-kardinali kollha u l-prelati l-oħrajn tal-Knisja, beda jaħseb bis-serjetà dwar il-kanonizzazzjoni tiegħu. Meta ltaqgħu flimkien, huma kienu kollha fi qbil wieħed u kollha kemm huma qalu l-istess ħaġa. Qraw u approvaw

---

[123] Id-data tal-konverżjoni ta' S. Franġisk hi l-1206 u l-mewt tiegħu l-1226. Ir-raba' jum tan-*nonae* ta' Ottubru jikkorrispondi għall-4 ta' Ottubru. Franġisku miet is-Sibt 3 ta' Ottubru filgħaxija, imma liturġikament kien diġà daħal il-jum tal-Ħadd 4 ta' Ottubru.

[124] L-appellattiv *vir apostolicus* hu preżenti fl-*Officium Rhtyhmicum S. Francisci*, 1 antifona tal-I Għasar, ta' Julian minn Speyer (FSF I, 358).

[125] Il-Papa Girgor IX kellu jaħrab minn Ruma nhar it-Tnejn tal-Ottava tal-Għid, 27 ta' Marzu 1228, minħabba rewwixta tal-poplu ruman li kien jappoġġja lill-imperatur Federiku II. Girgor IX, flimkien mal-Kurja Rumana, mar l-ewwel Rieti, imbagħad Spoleto, għadda minn Assisi bejn is-26 ta' Mejju u l-10 ta'Ġunju, u bejn it-13 ta' Ġunju u t-13 ta' Lulju kien Perugia u reġa' lura lejn Assisi biex jiddikjara lil Franġisku qaddis fis-16 ta' Lulju 1228.

il-mirakli, li permezz tal-qaddej tiegħu l-Mulej kien ħadem u bdew ifaħħru b'tifħir kbir il-ħajja u l-imġieba tal-missier imqaddes.

**93** Għal dik is-solennità nġabru *l-prinċpijiet tal-art* (S 148,11). Fil-jum stabilit, numru abbundanti ta' prelati ma' folol li ma jingħaddux ta' poplu daħlu fil-belt ta' Assisi flimkien mal-Papa mbierek. Meta mbagħad waslu fil-post li kien ġie mhejji għal din il-laqgħa solenni, il-Papa Girgor ippriedka għall-ewwel darba *lill-popolu kollu* (Lhud 9,19) u b'affett mimli ħlewwa ħabbar *id-doni ta' Alla* (Sir 18,5). Fi priedka mill-aktar mirquma mela bit-tifħir lill-missier imqaddes Franġisku, u filwaqt li ħabbar is-safa tal-imġieba ta' ħajtu, kien maħsul bid-dmugħ.

**94** B'hekk, malli temm il-priedka, *b'idejh merfugħin lejn is-sema* (2Mak 3,20; 14,34), il-Papa Girgor iddikjara b'leħen għoli: "Għat-tifħir u l-glorja ta' Alla li jista' kollox, Missier u Iben u Spirtu s-Santu, u tal-glorjuża verġni Marija u tal-qaddisin appostli Pietru u Pawlu, u għall-ġieħ tal-Knisja glorjuża ta' Ruma! Il-wisq imqaddes missier Franġisku, li Alla igglorifikah fis-smewwiet, filwaqt li aħna nqimuh fl-artijiet kollha, fuq il-parir tal-aħwa tagħna (il-kardinali) u tal-prelati l-oħrajn, iddeċidejna li niktbu ismu fil-katalogu tal-qaddisin u li l-festa tiegħu tkun iċċelebrata solennement fil-jum tal-mewt tiegħu." Malli l-Papa ta din l-aħbar il-kardinali wkoll flimkien mas-sinjur Papa bdew ikantaw b'leħen għoli it-*Te Deum laudamus*. Kien f'dak il-waqt li tqajjem it-tifħir tal-ilħna *tal-popli kollha* (Is 17,12), u filwaqt li l-qniepen bdew idoqqu u t-trombi kienu jżarżru, l-art kollha kienet tidwi b'ilħna bla tarf, l-arja kienet mimlija b'ferħ u l-art kienet maħsula bid-dmugħ. Dak il-jum kien wieħed distint u kien mimli bl-ilwien ta' raġġi mimlijin dija. Hawnhekk kien hemm *il-friegħi* jħaddru taż-żebbuġ u l-qċaċet friski ta' *siġar* (Mt 21,8) oħrajn. Hawnhekk kien hemm tiżjin bħal dak ta' festa, li kien jiddi b'dija ċara u kien iżejjen lil kulħadd, filwaqt li l-barka tal-paċi kienet tferraħ l-imħuħ u l-qlub ta' dawk kollha li kien inġabru.

**95** Fl-aħħarnett il-Papa Girgor niżel mit-tron u mar ibus bix-xufftejn imbierka tiegħu l-qabar li fih kien hemm il-ġisem ikkonsagrat lil Alla. Offra *u kattar it-talb* (Ġob 40,22) u iċċelebra l-misteri qaddisa.

Il-poplu kollu kabbar *it-tifħir lil Alla* (Lq 18,43) u beda jiżżi ħajr lill-qaddis tiegħu għad-doni tal-grazzji. Dawn il-ħwejjeġ seħħew fis-sena 1228 tal-inkarnazzjoni tal-Mulej, fit-tieni sena tal-pontifikat tas-sinjur Girgor, fil-jum sbatax tal-*kalendae* ta' Awissu.[126]

**96** Wara li seħħew dawn il-fatti, wara sentejn oħra, il-ġisem tal-missier wisq imqaddes ġie translat b'mod onorevoli mill-post fejn kien midfun lejn il-knisja li nbniet barra mill-ħitan tal-belt.[127] Il-knisja ġdida kienet inbniet għall-ġieħ tiegħu.[128] Tabilħaqq, f'dak iż-żmien ukoll kien ġie iċċelebrat il-kapitlu ġenerali b'tant solennità, li numru kbir ħafna ta' aħwa nġabru hemmhekk minn diversi partijiet tad-dinja.[129] Mhux biss, imma talli minn kull naħa nġabret abbundanza hekk kbira ta' popli li l-belt ma kienetx tesagħhom, u huma imlew l-għelieqi ta' madwar u

[126] 16 ta' Lulju 1228.

[127] It-translazzjoni tar-relikwi ta' S. Franġisk saret fil-25 ta' Mejju 1230, mill-knisja ta' San Giorgio, fejn S. Franġisk kien midfun f'arka sa mill-1226, għall-Bażilika l-ġdida li nbniet ad unur tiegħu fuq il-*collis inferni*, jew aħjar, il-*collis paradisi*, barra mill-ħitan tal-belt. Ir-rakkont tat-translazzjoni nsibuh b'mod dettaljat ukoll f'Julian minn Speyer, *Vita Sancti Francisci* 76 (FSF I, 458).

[128] Nhar it-30 ta' Marzo 1228, fra Elija kien irċieva mingħand Simone Pucciarelli, f'isem il-Papa Girgor IX, biċċa art biex fuqha tinbena knisja iddedikata lil S. Franġisk. Il-Papa Girgor IX, fil-Bolla *Recolentes qualiter* tat-30 ta' April 1228 (*Bullarium Franciscanum*, t. I, ed. J.H. Sbaralea, Romae 1759, 46), ikkmanda li tinbena *specialis ecclesia* (knisja speċjali) li tkun "immedjatament suġġetta għall-Papa" biex tilqa' fiha l-fdalijiet ta' S. Franġisk. Kien l-istess fra Elija li mexxa l-bini tal-istrutturi essenzjali ta' dan il-kumpless grandjuż, li jikkonsisti fi kripta (chiesa inferiore) u knisja monastika (chiesa superiore). Fiċ-ċentru tal-kripta, taħt l-altar, kellu jindifen il-qaddis f'qabar imħaffer fil-blat u miksi bit-travertino. Kien fl-okkażjoni tal-kapitlu ġenerali tal-Ordni tal-1230 li saret it-translazzjoni tar-relikwi ta' S. Franġisk fil-knisja l-ġdida, li kienet tlestiet il-kripta tagħha fl-1230. Sal-1236 kienet lesta l-knisja monastika bil-kampnar u l-qniepen, u inbena wkoll is-*Sacro Convento* flimkien mal-palazz Papali.

[129] Dwar il-fatti li seħħew fit-translazzjoni tal-ġisem ta' S. Franġisk waqt dan il-kapitlu titkellem il-Bolla ta' Girgor IX *Speravimus hactenus* tas-16 ta' Ġunju 1230 (*Bullarium Franciscanum*, t. I, 66-67), u r-rakkont jinsab ukoll f'Thomas of Eccleston, *De Adventu Fratrum Minorum in Angliam*, 77-78.

t-toroq li kienu jwasslu lejn il-belt. Anke s-sinjur Papa Girgor, li ma setax ikun preżenti għal din is-solennità hekk kbira, minħabba li kien imħabbat bix-xogħol tat-tmexxija tal-Knisja, indirizza ittra tiegħu[130] li fiha ħabbar b'mod solenni għaliex hu ma setax ikun preżenti. Bagħat ukoll salib tad-deheb lill-bażilika tal-imqaddes Franġisku, li kien imżejjen b'ħaġar prezzjuż, u li fih kien inkastonat il-veru linju tas-salib tal-Mulej. Bagħat ukoll ornamenti u važi sagri destinati għas-servizz tal-altar u kotra kbira ta' paramenti (liturġiċi) solenni u prezzjużi. Mhux biss, imma hu eżenta minn kull ġurisdizzjoni inferjuri għall-awtorità apostolika l-istess knisja[131], li tagħha hu kien poġġa l-ewwel ġebla tal-pedamenti. Nižżu ħajr lil Alla. Amen.[132]

[130] Il-Bolla *Mirificans misericordias suas* ta' Girgor IX (16 ta' Mejju 1230), in *Bullarium Franciscanum*, t. I, 64-65.

[131] Bolla *Is qui Ecclesiam* ta' Girgor IX (22 ta' April 1230), in *Bullarium Franciscanum*, t. I, 60-61. Kien il-Papa Girgor IX li qiegħed l-ewwel ġebla tal-knisja ta' S. Franġisk fis-17 ta' Lulju 1228, jum wara li ddikjara lil S. Franġisk qaddis f'Assisi.

[132] Il-VB tkompli b'lista ta' mirakli li seħħew wara l-mewt ta' San Franġisk, partikolarment fuq il-qabar tiegħu. Fit-traduzzjoni tagħna għażilna li ma ninkludux dawn il-mirakli, biex ma ntaqqlux il-qari ta' din il-bijografija qasira. Tajjeb, iżda, li ngħidu xi ħaġa dwarhom. Flimkien mal-mirakli li kien inkluda fil-*Vita Sancti Francisci* 127-151, u li x'aktarx kienu l-ġabra ta' mirakli li kienu ġew ippreżentati lill-Papa Girgor IX u l-kummissjoni tal-kardinali waqt il-proċess ta' kanonizzazzjoni ta' San Franġisk, Celano hawnhekk jinkludi mirakli ġodda li sar jaf bihom u li seħħew wara l-1229. Bosta minn dawn il-mirakli seħħew fuq il-qabar ta' San Franġisk, li kien ġie midfun f'arka fil-knisja ta' San Giorgio f'Assisi, imma li mill-25 ta' Mejju 1230 ittieħed fil-kripta tal-bażilika l-ġdida li nbniet minn fra Elija. Mirakli oħrajn, iżda, seħħew f'diversi postijiet, l-aktar fl-Italja imma wkoll barra mill-Italja, prova ta' kemm il-kult lejn San Franġisk kien xtered. Mill-kunventi tal-Franġiskani fl-Umbria nassistu għal spostament lejn il-Marca ta' Ancona, Toscana, imma wkoll lejn il-Lazio, il-Campania u Sqallija. Tissemma wkoll il-Ġermanja. Kienu kollu territorji taħt il-ħakma ta' Federiku II, imperatur tal-Ġermanja u re ta' Sqallija. Celano jqassam il-mirakli skond ċerti kategoriji, li jinkludu persuni b'diżabilità (b'membri nexfin u paralitiċi), għomja, muti, torox, lebbrużi u maħkumin mix-xitan, imqajjmin mill-mewt, idropiċi, morda bl-hernia, bl-emorraġija, u meħlusin min-nawfraġju u mill-ktajjen tal-ħabs. Franġisku jidher f'dawn il-mirakli bħala d-difensur tal-imsejknin ta' kull tip, u Celano juri kif il-qaddis hu tassew "il-patrijarka tal-fqajrin."

## Bibljografija

Dalarun J., *Oltre la questione francescana, la leggenda nascosta di san Francesco (La Leggenda umbra di Tommaso da Celano)*, Padova 2009.

Dalarun J., a cura di, *Introduction*, in Thomas de Celano, *Les Vies de saint François d'Assise. Vie du bienheureux François, Légende de choeur, Légende ombrienne, Mémorial dans le désìr de l'âme* (Sources franciscaines), Paris 2009, 7-85.

Dalarun J., a cura di, *Thomas de Celano, Légende ombrienne*, in *François d'Assise. Écrits, Vies, témoignages* (Sources franciscaines), Paris 2010, 925-933.

Dalarun J., *Il san Francesco ritrovato*. Conversazione con S. Guidi, in *L'Osservatore Romano*, 26-27 gennaio 2015, 4.

Dalarun J., *Saint François, le manuscrit retrouvé*. Conversazione con F. Paquet, in *L'Histoire* 408 (fevrier 2015), 20-21.

Dalarun J., *Thome Celanensis, Vita beati patris nostri Francisci (Vita brevior). Présentation et édition critique*, in *Analecta Bollandiana* 133/1 (2015) 23-86.

Dalarun J., *Thomas de Celano*, *La Vie de notre bienheureux père François. Traduction française annotée et concordances*, in *Ètudes Franciscaines*, n.s. 8 (2015).

Dalarun J., *Tommaso da Celano, La Vita del Beato Padre Francesco*, Traduzione italiana a cura di F. Sedda, in *Frate Francesco* 81 (Nov 2015), n. 2, 289-386.

Vincent C., *La Vie retrouvée de François d'Assise*, in *Le Monde. Culture ed idées*, 24 janvier 2015, 3.

http://www.medievalhistories.com/newly-found-life-of-st-francis-published/